MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 260/2012

**Lufthansa Technik Malta Limited – C 30022**

**vs**

**Ramon Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Awwissu 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill- konvenut ihallasha s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) dovuti wara li gie ffirmat bond

agreement bejn il-partijiet fejn il-konvenut inghata tahrig ghas-spejjez tar-rikorrent u ntrabat li jibqa fl-impjieg mar-rikorrent ghal hames snin wara l-probation izda l-konvenut naqas milli jaghmel dan u ghalhekk ai termini tal-ftehim gie dovut l-ammont fuq imsemmi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Ramon Caruana kif ipprezentata fl-atti nhar it-12 ta' Settembru 2012 fejn eccepixxa:

1. *"Illi fl-ewwel lok is-socjeta' attrici ma tistax tipprocedi bl-azzjoni odjerna billi hija stess naqset li twettaq l-obbligi li kienu imposti u dana billi naqset li thallas lill-esponenti il-bilanc ta' Euro 6,734.07 dovut lill-intimat bhala allowance skond id-decizjoni numru 2126 tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "Union Haddiema Maghqudin u Lufthansa Technik Malta" deciza nhar il-21 ta' Frar 2012.*
2. *Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess l-attrici kienet irrinunzjat ghad-dritt li titlob ghal dan il-hlas tal-penali b'dikjarazzjoni espressa lil rapprezentanti tal-haddiema;*
3. *Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal premess il-penali ghandu jigi ridott proporzjonalment (a tenur ta' l-artikolu 1122 tal-Kodici Civili) billi l-esponenti hadem ghal diversi snin mas-socjeta' attrici meta l-obbligu kien li jahdem ghal hames snin.*
4. *Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghal premess il-penali ma huwiex enfurzabbli billi l-esponenti ma telaqx minn sniedu izda sofra minn dak imsejjah 'constructive dismissal' minghajr kawza gusta billi s-socjeta' attrici*

*ghamlitha impossibli ghall-esponenti li jkompli jahdem maghha in oltre ftit wara li kien irrizenja l-esponenti kellu ripensament izda is-socjeta' attrici m'accettatx li jirtira r-rizenja tieghu.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*
6. *Bl-ispejjez u l-ingunzjoni tar-rikorrent ghas-subizzjoni."*

Rat dak li gie verbalizzat fl-atti nhar is-6 ta' Mejju 2013 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-provi li kienu qed jinstemghu fil-kawzi Rikors Numri 262/12 CSH, 263/12 CSH, 265/12 CSH u 266/12 CSH ghandhom japplikaw mutatis mutandi ai fini ta' provi f'din il-kawza.

Rat l-affidavit ta' **Claude Frendo**ipprezentat nhar il-31 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu ddikjara illli hu ghandhu l-kariga ta' Chief Officer Human Rescources mal-kumpanija Lufthansa Technik Malta Limited.

Ikkonferma li l-kumpanija kellha bzonn *painters* specjalizzati sabiex jizbghu l-ajruplani, u zied li din hija sistema specjalizzata li ghalhekk kella bzonn tahrig barra minn Malta. Tenna li l-kumpanija flimkien mal-Employment and Training Corporation identifikaw numru ta' nies biex jigu impjegati mal-Lufthansa Technik Malta Limited u mharrga f'din il-linja specjalizzata.

Iddikjara li fl-10 ta' Marzu 2008 Ramon Caruana, u cioe', wiehed mill-persuni identifikati mal-ETC, kien dahal *f'bond agreement* (Dok. CF1) mal-kumpanija Lufthansa Technik Malta Limited fejn hu kien ser jinghata dan it-tahrig. Tenna li t-tahrig kien jinvolvi *on-the-job training* f'Hamburg il-Germanja.

Stqarr li peress illi t-tahrig kien jinvolvi spejjez konsiderevoli, kull min kien ser jinghata dan it-tahrig kien marbut a bazi tal-ftehim, li jibqa jahdem mal-kumpanija Lufthansa Technik Malta Limited ghal zmien ta' hames snin wara li jispicca l-probation u fin-nuqqas ta' dan huwa kien ikollu jhallas is-somma ta' ghaxart elef (€10,000) Ewro lill-kumpanija Lufthansa.

Claude Frendo ddikjara li l-persuni kollha li ntaghzlu mill-kumpanija u li dahlu ghat-tahrig telqu lejn il-Germanja fis-7 ta' April 2008 u ikkompletaw il-kors in kwistjoni u gew lura fit-29 ta' Awissu 2008, fejn inghataw wkoll certifikat dwar it-tahrig specjalizzat li kienu hadu (Dok. CF2). Ikkonferma li wara li gie lura, Ramon Caruana kien qed jahdem mal-kumpanija bhala painter.

Sostna li fit-23 ta' Marzu 2012, Ramon Caruana ipprezenta *resignation letter* lill-kumpannija (Dok. CF3). Zied li peress illi Ramon Caruana baqa' ma hallasx il-*bond aggrement*, huma kienu kitbulhu sabiex ihallas l-ammont (CF4).

Fl-affidavit tieghu Claude Frendo tenna li f'dak il-mument, kien diga' jaf illi kien hemm ghajdut bejn l-impjegati illi xi hadd mill-Union kien qal lill-impjegati illi jekk huma jitilqu minn mal-kumpannija, il-kumpanija ma kienetx ser tfittex ghall-bond, imma minhabba illi hu ma kellhu ebda struzzjoni f'dak is-sens, kellu jipprocedi u jenforza l-bond in kwestjoni.

Stqarr illi ricentement sar jaf illi Nicholas Baldacchino ghamel affidavit fejn qal illi waqt laqgha li ghaliha kien prezenti John Borg Costanzi u s-CEO tal-kumpannija, is-CEO kien qal illi l-kumpanija ma kinitx ser tinforza l-*bond agreement*. Sostna li lilu, hadd ma kien infurmah b'dan u peress illi fl-istess affidavit kien issemma

John Borg Costanzi, hu saqsih jekk kienx jaf b'xi laqgha fejn is-CEO kien qal li ma kienx se jfittex ghall-*bond agreement* izda John Borg Costanzi qallu li ma kien jaf b'xejn minn dan. Zied illi John Borg Costanzi li kien citat li kien prezenti fil-*meeting*, dak iz-zmien kien *Head of Workshops* u ghalhekk dawk l-impjegati kienu jaqghu taht is-sezzjoni tieghu.

Ikkonkluda li ghalhekk ma kellux alternattiva ghajr illi jipprocedi ghall-hlas tal-*bond agreements* li a bazi taghhom Ramon Caruana u persuni ohrajn kellhom ihallsu s-somma ta' ghaxart elef (€10,000) Ewro kull wiehed talli itterminaw l-impjieg taghhom qabel iz-zmien stipulat fl-istess *bond agreement*.

**Claude Frendo** xehed fis-16 ta' Jannar 2013 fejn saritlu referenza ghal affidavit li huwa kien ghamel u pprezenta fil-31 ta' Ottubru 2012, immarkat bhala dokument CF. Huwa rrefera ghall-ewwel pagna tal-affidavit fejn ghamel referenza ghal zmien partikulari meta huwa sar jaf bl-ghajdut li kien hemm xi mpjegati li xi hadd mill-union kien qallhom li jekk jitilqu mill-kumpanija, il-kumpanija ma kinitx ser tfittixhom ghall-bond. Huwa spjega li l-mument kien proprju meta huma ghamlu *claim* lil Ramon Caruana u dan peress li Ramon Caruana kien irrezenja mill-kumpanija hafna wara li kienet nqalet din l-istess kwistjoni. Huwa kien sema' l-ghajdut qabel ma kien irrezenja Ramon Caruana. Peress li dawn il-kwistjonijiet kienu biss ghajdut u ma kien hemm xejn ufficjali ma hassx li kien hemm xi htiega li johrog xi dokumentazzjoni biex jipprova l-kuntrarju.

Ix-xhud gie mistoqsi jekk jafx li Ramon Caruana kien talab li jirtira r-rizenja tieghu tat-23 ta' Marzu 2012. Hu wiegeb li ma kien ircieva l-ebda komunikazzjoni li huwa xtaq jirtira, pero' hija prassi li meta wiehed normalment jirrezenja, meta

jigi biex jirtirha, dan jghaddi minn process gdid. Huwa sostna li ma sarx f'dan il-kaz.

Ix-xhud saritlu referenza ghal email li tinsab inserita flimkien mal-affidavit tal-konvenut liema email kienet giet immarkata mill-Qorti bhala dokument RC5. Huwa stqarr li l-email in kwestjoni datata 4 ta' Settembru 2012 giet mibghuta lilu u lil Dr Michael Refalo. Huwa ikkonferma l-kontenut taghha. Din l-email fil-fatt huwa kien baghatha lis-sur Caruana u din giet forwarded lil Dr Refalo.

Ix-xhud iddikjara li una volta li bniedem jirrizenja, huma ma jaccettawhx lura. Huwa jaf li kien hemm xi tilwima bejn il-*management* u l-painters dwar l-*allowances* li kellhom jiehdu meta kienu Hamburg. Jaf ukoll li l-kumpanija attrici giet ikkundannata sabiex thallas ammont ta' flus lil Ramon bhala *allowance*. Mistoqsi jekk effettivament Ramon thallasx, qal li le ma thallasx peress li Ramon ghandu jaghti xi flus lill-kumpanija. Ghalhekk iddepozitaw dawn il-flus il-Qorti. Mistoqsi jekk jafx, jekk Ramon Caruana thallasx ghan-*notice period* tieghu, qal li effettivament kienu talbuh u sakemm huwa nfurmat dan kien thallas.

**Claude Frendo** xehed in kontro-ezami fl-atti tal-kawza **Lufthansa Technik (Malta) Limited vs Rodney Farrugia (Rikors Numru 262/12 CSH)** fit-13 ta' Frar 2013 fejn iddikjara li huwa ilu jokkupa l-kariga ta' Chief Officer mas-socjeta' attrici mis-26 ta' Marzu 2009. Minn mindu beda dan l-inkarigu c-Chief Executive Officer kien certu Louis Giordimaina. Fil-fatt Louis Giordimaina kien ilu bosta snin ingaggat f'din il-posizzjoni u kien responsabbli ghat-tmexxija tal-kumpanija. Dan skond il-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta' stess, u jrid iwiegeb lill-bord tad-diretturi ta' l-istess socjeta'. Filfatt il-kwestjonijiet ta' personnel mhumiex f'idejh izda f'idejn ix-xhud. Is-sur Giordimaina pero'

m'ghadux ic-Chief Executive Officer tas-socjeta' attrici peress li spicca f'Awissu 2011.

Ix-xhud ikkonferma li Rodney Farrugia kien kompleta t-tahrig barra mill-pajjiz. Huwa spjega li ma jidholx fuq kwestjoni tal-operat u ghalhekk jekk it-*trainees* li gew minn barra minn Malta u ghamlu xi complaint mas-supervisor taghhom huwa ma jafx biha. Huwa stqarr li kien hemm ex haddiema tat-tarzna li kellhom kuntratt ta' impjieg maghhom pero' ma jafx jekk humiex zebbiegha fl-istess kontingent jew le. Huwa prometta li jivverifika dan ghas-seduta sussegwenti.

Huwa konxju tal-fatt li t-Tribunal Industrijali ta decizjoni dwar it-tilwima li nqalet mill-UHM u filfatt huwa kien involut fiha direttament. Id-decizjoni kienet tali li l-haddiema tal-Lufhansa Tecknik rapprezentati mill-UHM, kellhom effettivament jibbenifikaw minn *allowance* imsemmi fil-ftehim kollettiv u in segwitu huma hallsu din l-allowance lil dawk impjegati li baqghu maghhom. Sussugwentament meta huma fethu din il-kawza huma iddepozitaw l-ammont dovut bhala allowance permezz ta' cedola lill-Qorti.  Dan id-depozitu sar anke fil-konfront ta' Rodney Farrugia. Ix-xhud gie mgharraf li effettivament il-Rodney Farrugia ma rcieva l-ebda notifika dwar it-tali depozitu u ghalhekk iprometta li jaghmel il-verifiki biex jara jekk effettivament sarx id-depozitu anke fil-konfront tal-konvenut odjern. Mistoqsi ghaliex effettivament huma ddepozitaw dawn il-flejjes qal li huwa ghamel hekk bhala kawtela peress li s-socjeta' attrici tippretendi li ghandha tiehu minghand Rodney Farrugia. Mistoqsi ghaliex effettivament ghamel ic-cedola ta' depozitu qal li meta fil-korrispondenza li giet skambjata qabel ma fethu din il-kawza kienu qed jixhdu li dan l-*allowance* huwa dovut, qal li huma ghamlu din ic-cedola biex inkunu in linea mas-sentenza li harget mit-Tribunal Industrijali. Effettivament huma qatt ma accettaw li l-flus

kienu dovuti. It-Tribunal ha dik id-decizjoni u huma imxew skond id-decizjoni. Huma ma appellawx ghad-decizjoni tat-tribunal. Huwa minnu li s-sentenza tat-tribunal inghatat fit-21 ta' Frar 2012 u ghalhekk ghandu jifhem li c-cedola in kwistjoni saret wara din id-data. Huwa ipprometta li jgib din l-informazzjoni fis-seduta sussegwenti.

**Claude Frendo** rega' xehed fl-atti tal-kawza **Lufthansa Technik (Malta) Limited vs Rodney Farrugia (Rikors Numru 262/12 CSH)** fit-18 ta' Marzu 2013 fejn ikkonferma li hemm ex-haddiema tat-tarzna li qeghdin jaghmlu xoghol ta' zebbiegha simili ghal dak ta' Rodney Farrugia. Minn ricerka li ghamel irrizultalu li ma sar l-ebda depozitu l-Qorti pero' jaf li saru xi mandati kawtelatorji. Huwa qal li hemm diversi sekwestri kontra taghhom pero' ma sab xejn fil-konfront ta' Rodney Farrugia. Effettivament il-mandati saru minn xi zebbiegha ohra. Ix-xhud jaf li s-socjeta' Lufthansa ddepozitat flejjes skond il-mandati ta' sekwestru li saru pero' f'dan il-kaz jaf li ma thalsux flus. Ghalhekk il-flejjes li ddepozitaw ma kinux biex ikunu in line mas-sentenzi li nghataw mit-tribunal industrjali izda sabiex jirrispondu ghal mandati li saru fil-konfront taghhom. Ix-xhud spjega li John Borg Costanzi huwa *head tal-production* qabel dan pero' kellu diversi karigi ohra. Mistoqsi x'kariga kellu s-sur Borg Costanzi meta Rodney Farrugia kien temm l-impjieg tieghu qal li kien head tal-workshops u ghalhekk iz-zebbiegha jaqghu tahtu u kien ukoll jaghmel head tal-50K modification tal-Boeing 737.

Rat l-affidavit ta' **John Borg Costanzi** li gie pprezentat ukoll fil-31 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li ghandu l-kariga ta' *Head of Production* mal-kumpanija Lufthansa Technik Malta Limited. Huwa spjega li kien hemm zmien meta Ramon Caruana u l-kollegi tieghu li kienu jahdmu bhala "*painters*" tal-ajruplani, kienu jahdmu fid-dipartiment tieghu, hlief ghal xi zmien ta' madwar sena meta ma

kinux jahdmu tahtu peress illi hu kien mar jahdem f'dipartiment iehor. Huwa sostna li qabel ma telqu minn mal-kumpanija, dawn il-haddiema kienu jahdmu tahtu.

Borg Costanzi ddikjara li Claude Frendo kien urih affidavit kien ircieva minghand xi impjegati tas-sezzjoni tal-*painters* liema affidavit kien mahluf minn Nicholas Baldacchino li kien ghadu s-segretarju tat-taqsima tal-UHM fejn iddikjara illi waqt laqgha li kellu mas-CEO ta' dak iz-zmien Louis Giordmaina, l-istess Louis Giordmaina fil-presenza tax-xhud suppost iddikjara li min ried jitlaq mill-impjieg minn mal-kumpanija seta' jaghmel dan minghajr ma jfittxuhom dwar il-*bond agreement* li huma kienu ffirmaw. Huwa ddikjara pero' illi huwa assolutament ma jiftakar ebda laqgha fejn Louis Giordimaina qal xi haga hekk.

**John Borg Costanzi** xehed fis-16 ta' Jannar 2013 fejn rega' iddikjara li huwa *head of production*, Lufthansa Technik Malta Ltd u huwa ma kienx ikun prezenti fil-meetings li kienu jinzammu bejn il-union u s-socjeta' attrici. Mistoqsi x'relazzjoni kellu ma' Ramon Caruana, huwa wiegeb li kien il-manager tieghu. Huwa ikkonferma li Ramon Caruana kien jilmenta fuq l-istress u l-overtime, kif jaghmlu haddiema ohra. Pero' ma jafx li kien jiehu xi *sick leave* minhabba stress. Huwa jiftakar li kien hemm laqgha fejn kienu ser inehhu r-*ranking* tal-konvenut fuq talba tieghu stess. Bil-kelma "*ranking*" huwa ried ifisser, *team in charge*. Ix-xhud iddikjara li zgur ma kienx f'Jannar, ghax f'Jannar huwa ma kienx hemm sas-sena 2012.

Ix-xhud stqarr li effettivament il-konvenut kien jiehu hsieb grupp ta' nies fil-*paint shop* u hu kien talab biex ma jibqghax hemm. Huwa cahad li kienu ssuggerew lil Ramon Caruana li kellu jmur lura bhala *level one painter*. Huma kienu akkordaw

it-talba tieghu biex innehhuh bhala *team in charge painter* u kienu baghtuh lura bhala *level 2 painter*, li huwa grad tekniku. Ix-xhud kellu x'jaqsam mal-konvenut dwar ir-rizenja tieghu fis-sens li l-konvenut kien baghatlu ittra fejn talab li jirrezenja. Huwa stqarr li l-ittra kienet intbaghtet lil HR. Huwa tkellem mal-HR, accettaha u fil-fatt gie terminat ix-xoghol tieghu. Huwa jiftakar li xi zmien wara kien cempillu missieru u qallu li t-tifel tieghu u cioe' l-konvenut kien ghamel zball u xtaq jerga' jimpjega ruhu maghhom. Huwa kien wiegbu li ma jistax, u dan ghaliex il-konvenut kien ilu jghid li xtaq jirrezenja u ma setghux jibqghu jilghabu.

Rat l-affidavit ta' **Henry Vella** li gie pprezentat fit-28 ta' Novembru 2012 fejn iddikjara li ghandu l-kariga ta' *Manager Workshops* mas-socjeta' attrici. Huwa spjega li kien hemm zmien fejn uhud mill-painters kienu jaqghu taht id-dipartiment tieghu qabel ma temmew l-impjieg taghhom. Huwa jaf illi l-*painters* in kwistjoni kellhom *bond agreement* u kien hemm mument meta ddecidew li jtemmu l-impjieg taghhom mal-kumpanija. Vella stqarr illi prattikament l-impjegati li ghandhom *bond agreement* u li jkunu jridu jitilqu minn mal-kumpanija jigu jistaqsu jekk jistghux jinhallu mill-bond. Huwa dejjem ghamilha cara ma' kulhadd illi l-*bond agreement* ma jaqax taht il-kompetenza tieghu izda jaqa' taht id-dipartiment tal-Human Resources li l-kap taghha huwa Claude Frendo.

Henry Vella ddikjara li huwa dejjem heggighom sabiex jekk huma jahsbu li ghandhom raguni valida ghalfejn jinhallu mill-agreement ghandhom jiktbu lill-HR Department u mbaghad l-HR Department jiehu d-decizjoni hu. Huwa offrielhom li jekk huma kellhom diffikulta' biex jiktbu din l-ittra formali huwa kien lest li jghinhom. Hu qatt ma kien prezenti waqt laqghat mal-union u allura

qatt ma seta’ jghid lill-impjegati in kwistjoni li setghu jitilqu mill-impjieg taghhom minghajr konsegwenzi.

**Henry Vella** xehed ukoll fis-16 ta’ Jannar 2013 fejn meta gie mistoqsi jekk huwa qattx tkellem mal-konvenut dwar il-*bond agreement*, qal li le, effettivament qatt ma kellmu dwaru. Huwa jaf pero’ li meta kienu jitkellmu bejniethom il-haddiema huwa kien jghidilhom, ‘ftakru li ghandkom il-bond agreement’. Huwa sostna li dan il-kaz per se ma resaqx quddiemu. Kien hemm xi zmien meta l-konvenut ma xtaqx imur *painter* level two u xtaq imur *painter level one*. Ix-xhud fil-fatt kien il-persuna li tah zewg *promotions* f’sitt xhur pero’ f’daqqa wahda ma xtaqx jibqa’ b’din ir-responsabilta’. Il-konvenut kien qallu li r-responsabbilta’ ghalih kienet hafna. Huma fil-fatt kienu ghamluh team leader pero’ l-konvenut kien talab li jinzel *level one* izda minkejja dan kienu hallewh level two, jigifieri nehhewlu grad. Ix-xhud qal li sussegwentement huwa kien imsiefer u meta mar lura sab li il-konvenut level one anzi kien ta r-rizenja tieghu.

Ix-xhud spjega li l-gradi mhumiex *promotions* izda huma *approvals*. Huwa qal li jekk inti, *you do not deliver* titlef dak l-approval li tkun taghtek il-kumpanija stess. Filfatt *level one* hija l-inqas responsabilita’. Ix-xhud ma jafx li effettivament qallu li mil-level two kien ser innizlu level one, huwa jiftakar li kien bil-maqlub. Il-konvenut kien xtaq jinzel *level one* minn *team leader* u huma qalulu le izda kien ser jinzel *level two.* Mistoqsi jekk jafx li huwa kien qed ibghati minn xi stress, tant li ha xi sick leave, wiegeb illi huwa ma ghandux access ghas-sick leave.

**Elton John Agius** xehed fis-16 ta’ Jannar 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ *team leader* mas-socjeta’ attrici. Huwa jaf lill-konvenut peress li kienu kollegi flimkien. Mistoqsi jekk qattx kien prezenti waqt il-laqghat tal-union mas-

socjeta' attrici, huwa wiegeb li iva kien f'xi whud minnhom. Huwa pero' ma jafx jekk qattx gietx diskussa il-kwistjoni tal-*bond*. Ix-xhud kien prezenti ma' Louis Giordimaina ghal zewg meetings fil-boardroom tieghu. Louis Giordimaina dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' CEO mal-Lufthansa Technik Malta Limited. Ix-xhud spjega li l-laqghat li kellu mieghu kienu jitrattaw dwar rati ta' *increments* fuq pagi.

**Ian Grech** xehed fis-16 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala mekkanik mas-socjeta' attrici. Mistoqsi jekk jafx lill-konvenut, qal li iva jafu fuq ix-xoghol ghax kien jahdem maghhom mal-Lufthansa Technik Malta Limited. Huwa kemm-il darba kien prezenti ghal xi laqghat li kienu jinzammu bejn il-union u Lufthansa Technik u dawn il-laqghat kienu dejjem jinzammu ghand is-socjeta' attrici. Huwa qatt ma' ddiskuta *bonds* ta' xi impjegati mas-socjeta' attrici. Pero' ma jafx lanqas dwar xi dikjarazzjoni li seta' ghamel allegatament ic-CEO is-sur Giordimania dwar kwestjonijiet ta' bonds. Fil-fatt huwa lanqas jaf li qatt saret xi laqgha f'dan is-sens jew li sar dan id-diskors meta huwa kien prezenti.

Rat l-affidavit tal-konvenut **Ramon Caruana** li gie pprezentat fis-16 ta' Jannar 2013 fejn fih iddikjara li hu kien gie mpjegat fit-12 ta' Marzu 2008 b'informazzjoni mehuda mill-ETC. Huwa spjega li wara *induction course* kienu gew avvicinati biex jiffirmaw il-kuntratt tal-impjieg u l-*bond agreement*. Dan il-*bond agreement* huwa parti mill-impjieg u ried jigi ffirmat ghax kienu ser jintbaghtu Hamburg ghat-tahrig. Il-qari, l-ispjegar u l-iffirmar ta' dan il-*bond agreement* kien sar go workshop fil-facilita ta' dak iz-zmien tal-LTM (Lufthansa Teknik Malta). L-iffirmar tal-kuntratt u tal-*bond agreement* sar b'mod kollettiv u sar f'dan il-workshop quddiem kulhadd.

Il-konvenut sostna li l-ftehim tal-kumpanija mal-union dam ma gie muri lilhom u filfatt kien gie migbur minn impjegati waqt btala f'Malta meta kienu qed jiehdu t-tahrig f'Hamburg. L-impjegati ndunaw li l-*allowance* li kienet qed tinghatalhom kienet ferm inqas minn dik stipulata fil-ftehim tal-union u cioe' fil-kuntratt f'punt 6.8.

Dan il-*bond agreement* kien sar effettiv minn wara l-probation li saret gewwa Hamburg u li din il-probation kienet qasira. Dan ghaliex huwa ghamel hames xhur gewwa Hamburg.

Huwa beda jahdem ma' LTM bhala *aircraft spray painter* bir-rank ta' trademan skont il-collective agreement taz-zmien. Huwa kien jigi mitlub jimla OJT book li huma *experience log book* fejn kien hemm ta' level 1 painter u level 2 painter u huwa kien jimlihom. Biz-zmien infethet opportunita' ta' *team leader* u huwa applika u nghata din il-pozizzjoni wara *interview* u ezaminazzjoni. Filfatt huwa stqarr li c-certifikat ta' level 1 ma nghatax lilu izda nghata dak ta' level 2 u dan wara tliet snin esperjenza mal-kumpanija kif kien mitlub mill-applikazzjoni.

Il-konvenut tenna li x-xoghol f'Hamburg kien l-istess izda b'sistemi differenti u kienu mqasmin f'dipartimenti b'kull individwu bi specjalizzazzjoni ghalih. Huwa stqarr illi fejn dipartiment ikun hafif wiehed jghin lill-iehor.

Huwa spjega li l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu kienu tajbin ghall-ewwel tliet snin. Pero' kien hemm mument li l-*manager* waqt laqgha mal-*painters* kien qal li ried ikeccihom kollha u li ma kienx hemm bzonnhom u li seta' jahdem bil-kuntrattur. Dan il-kliem gie mehud ghand l-union biex jitressaq ghand l-HR u l-

manager in kwistjoni kellu johrog b'apologija biss sa fejn kien jiftakar il-konvenut dan ma ghamiliex la verbalment u lanqas bil-posta. Kien hemm min telaq mix-xoghol kif l-union ghamlet din il-laqgha u qalet li CEO qal li setghu jitilqu u ma jhallsux il-bond imsemmi fil-*bond agreement*.

Il-konvenut spjega li n-nies kienu kollha fid-dipartimenti taghhom Interior u Exterior. Pero' fl-ahhar sena inbidlu l-kundizzjonijiet u l-kumpanija ddecidiet li telimina dipartiment minn fuq in-nies u ma jkun hemm hadd stabbilit f'dipartiment, fejn kien hemm min ma kienx jaqbel maghha. Din holqot pressjoni tant li ta r-rizenja tieghu minn team leader lil management u wara l-management xtaq li jzommu bhala level 2 inspector minflok u accetta l-pozizzjoni.

Huwa sostna li l-ammont ta' xoghol kien dejjem gholi u f'kull weekend kien ikun hemm bzonn tal-*overtime* fejn dan kien qed jigi rosterjat bejn in-nies peress li kien hemm nies li ma jahdmux *overtime* specjalment fix-xitwa fil-qilla tax-xoghol. Il-konvenut stqarr illi hu kien qed jipprova jaghti tmien sieghat fost il-gimgha biex jevita x-xoghol fost l-weekend biex ikun hadem it-tmien sieghat bil-ligi ghax kemm-il darba gew infurzati u xorta kien ikun il-pressjoni biex jidhlu fil-weekend.

Ix-xoghol fin-natura tieghu kien kollu *deadlines* u *schedules* filfatt anke meta kien team leader gieli tkellem il-fatt li l-ippjanar tax-xoghol fuq l-ajruplan kien jinvolvi l-*weekend* b'kollox fejn huma *shift* tal-weekend ma kellhomx u kemm-il darba saru proposti ghal *shift* imma ufficjalment qatt ma sar xejn u x-xoghol baqa' jittiehed bl-*overtime*. Huwa stqarr li r-relazzjoni mal-coordinator ma kinitx tajba ghar-raguni li dwar l-ghazla tal-proceduri tax-xoghol ma kinux jiftehmu bejniethom.

Il-konvenut stqarr illi ma jistax ikejjel ir-relazzjoni li kellu ma’ Claude Frendo tal-HR ghax ftit iltaqa’ u tkellem mieghu. Pero’ jiftakar li kien tela’ biex ikellmu fl-ahhar sena u ma sabux fl-ufficcju. Minn naha tieghu dejjem hass li kellu jirranga s-sitwazzjoni mal-management tad-dipartiment milli mal-HR u ma riedx jiskala l-problema b’tali mod li jasal jitlef ir-relazzjoni li kellu mal-management tad-dipartiment. Filfatt ma kienx rega’ tela’.

Huwa minn naha tieghu ihoss li qatt ma kellu relazzjoni hazina mal-management. Huwa sostna li hu kien wiehed minn dawk li jahdem mal-management biex isir ftehim u pjanar dwar ix-xoghol peress li gieli kellhom hames ajruplani ghaddejjin. Kien hemm min kien igerger verbalment fost dawk li kien jahdem maghhom il-konvenut minhabba c-caqliq tan-nies, il-kwistjoni tal-allowance jew fuq affarijiet ohra bhall-*overtime* fil-gimgha.

Huwa sostna li dejjem kien hemm bzonn tan-nies l-aktar fix-xitwa ghax ix-xoghol jizdied. Filfatt kienu jahdmu haddiema anke b’self minn barra l-pajjiz biex ilahhqu max-xoghol. Kien hemm atmosfera ta’ stress u dwejjaq u xejn ma kien kuntent kif kienu sejrin l-affarijiet fuq ix-xoghol. Anki kollegi tieghu esprimew dan tant li ohrajn telqu ftit wara li telaq hu mix-xoghol.

Haddiema ohrajn li kienu ghadhom godda jew anke bil-*probation* kienu jitilqu ghax kienu jghidu li sabu xoghol jew karriera ahjar.

Il-konvenut tenna li kien ikun ahjar kieku l-management ghamel ftit ricerka qabel ma ha d-decizjoni biex inehhi d-dipartimenti. Huwa jifhem li wiehed jispeccjalizza f'qasam wiehed peress li x-xoghol jitlob tekniki ta' applikazzjonijiet differenti ta' zebgha. Iz-zebgha kien settur gdid fil-kumpanija ghal kemm kien ilu jinhadem ix-xoghol.

Mill-perspettiva tieghu, huwa kien jara nuqqas ta' qbil bejn il-*painters* u l-management u fl-opinjoni tieghu seta' wassal biex in-nies jitilqu. Huwa ma jiftakarx li kien hemm kazi ta' diskriminazzjoni imma l-kawza tal-*allowance* ta' Hamburg kien ihossa ftit ghax hemm bil-miktub fil-kuntratt u fil-ftehim mal-union. Huwa ma jahsibx li l-management kien jaghmel apposta biex jitilqu n-nies specjalment fejn kienu bil-pressure tax-xoghol.

Huwa minn naha tieghu dejjem hassu trattat tajjeb minn naha tal-management u hu dejjem ipprova jimxi ma' dak li kien mistenni minnu tant li dam impjegat mas-socjeta' attrici ghal erba' snin u dejjem fl-istess dipartiment.

Huwa spjega li ftit qabel ir-rizenja tieghu huwa kien gie mitlub jisprenja tmien bicciet xoghol fil-post mill-coordinator tieghu.  Dan kienu li jisprenja l-ghatibi tal-ajruplan. Il-konvenut spjegalu li kien difficli biex isir ghax kien post traffikuz u n-nies ikunu jridu jghaddu. Ghalhekk talbu biex isir bir-*roller* izda nsistew mal-konvenut li jsir *spray*. Ghalhekk beda jahdem fuqhom u qal li l-ewwel tnejn gew mhux hazin imma mbaghad bdew il-problemi minhabba n-nies li kienu jridu jghaddu u jirfsu l-plastik. Huwa rrapporta kemm-il darba anke lill-management u lil coordinator, fejn anke issuggerixxa li jaghmilhom bil-lejl izda gie rifjutat mill-coordinator. Il-konvenut stqarr maghhom li kienu hadulu disghin siegha minflok tletin u wiegbu li ried jirrispondi ghalihom hu. Huwa ghalhekk waqaf u rrifjuta li

jkollu x’jaqsam iktar maghhom u qabad jaghmel xoghol iehor. Wara ftit taz-zmien gie kkuntatjat mill-management qalulu li ma kienx ghamel xoghol ta’ kalibru u li haddiehor kien qed jaghmlu bi standard tajjeb. Issa sa fejn kien jaf hu, din kienet l-ewwel darba li ntuzat dil-procedura izda hu gie msejjeh irresponsabbli u kienu ha jnehhulu l-kariga ta’ ‘level 2 inspector’ u li ha jinghata *warning.* Huwa x’hin ra hekk talab ir-rizenja mmedjata. Hawnhekk huwa gie mistoqsi jekk kienx qed jaghmel xoghol hazin apposta imma ma tahx risposta, biss ikkonfermalu li xeba’. Huwa sostna li fil-verita’ ma kienx qed jaghmel xoghol hazin apposta.

Il-konvenut tenna li dan l-incident gieghlu jahseb li l-kontribut tieghu m’ghadux validu fil-kumpanija u hassu injorat. Huwa kkunsidra l-fatt li l-union harget bl-informazzjoni li l-*painters* setghu jitilqu minghajr ma jhallsu l-*bond agreement* u ghalhekk ta r-rizenja tieghu b’mod immedjat.

Huwa sostna li l-affarijiet setghu marru ahjar minn hekk u ma jafx xi pjanijiet kellhom il-managers ghall-*paint shops* biex wassal ghal tant nies biex jaghtu r-rizenja taghhom.

Il-konvenut prova jirtira r-rizenja tieghu ghax kien ghamlu b’mod emozjonali u mhux razjonali izda giet michuda b’email tal-HR manager  tad-29 ta’ Marzu 2012 u ghalhekk il-konvenut hallas in-*notice period* tieghu lill-kumpanija li kien jammonta ghal kwazi elf u erba’ mitt Ewro (€1,400). Huwa esebixxa kopja tal-ircevuta.

Il-konvenut zied jghid li meta kien Hamburg huwa kien jimla “OJT Book” (On Job Training Book) li huwa *experience log book* li kien jigi kkonfermat mis-superjuri tieghu. Huwa kellu zewg kotba ta’ Level 1 Painter u ta’ Level 2 Painter. Biz-zmien inghata l-opportunita’ li japplika ghal Team Leader u filfatt inghata din il-pozizzjoni wara li ghamel ezami u intervista.

Huwa ddikjara li fl-ahhar sena tieghu kien hemm atmosfera ta’ stress u dwejjaq tant li marad. Kemm it-team leader u anke l-koordinatur (John Darmanin) kienu jafu bil-problemi tieghu u jafu li hareg kemm-il darba bis-*sick leave* minhabba problemi medici relatati ma’ stress. Kull darba li kien jiehu s-*sick leave* kienet tintbaghat tabiba sabiex ticcekja jekk hux veru jew le li hu marid. Huwa annetta kopja ta’ certifikat li tah it-tabib tieghu Robert Portelli fejn ikkonferma li l-problemi tieghu kienu kkawzati minn stress tax-xoghol.

Huwa ddizappuntat ukoll ghax l-*agreement* tal-kumpanija mal-Union dam ma gie muri lilhom u filfatt gie migbur minn impjegati waqt btala f’Malta waqt it-tahrig f’Hamburg. Hawnhekk indunaw li l-*allowance* li kienet qed tigi moghtija lilhom kienet ferm anqas minn dak stipulat fil-ftehim. Sa’ llum il-gurnata wara li huwa baghat mandat lis-socjeta’ attrici, il-flus dovuti lilu gew maqbuda u gew depostiti l-Qorti permezz ta’ cedola  izda minkejja li ghandu titolu esekuttiv, huwa xorta ghadu ma gabarx dawn il-flejjes.

**Ramon Caruana** xehed in kontro-ezami fid-29 ta’ Jannar 2014 fejn meta gie muri d-dokument CF1 li jinsab a fol 12 tal-process, qal li dan huwa l-*bond agreement* u li gharaf il-firma tieghu fuqu. Huwa kkonferma li effettivament kien tela’ l-Germanja ghal tahrig fuq *spray painting* meta kien ghadu mpjegat mas-socjeta’ attrici. Huwa cahad li l-ftehim li kellhom waqt li kienu ngaggati gewwa l-

Germanja ma kienx jifforma parti mill-Ftehim Kollettiv. Ghalih il-kuntratt li ffirma qabel ma' tela' l-Germanja kien jaghmel referenza ghal kuntratt originali li jifforma parti mill-ftehim li kien hemm mal-UHM.

Il-konvenut jiftakar li meta wasal lura mill-Germanja huwa ghamel it-tliet snin li kien marbut bihom. Stqarr li kienet harget applikazzjoni ghal xi *team in charge* u huwa applika ghaliha u tawh dan il-grad. Il-konvenut spjega li hu kien inkarigat mis-supervizjoni, *team in charge*. Huwa bhala *team in charge* kien responsabbli ghall-hanut u ghax-xoghol li johrog minnu ta' grupp ta' individwi. Spjega li kellu bzonn tliet snin esperjenza sabiex seta' applika ghal dan il-grad li nghata. Qal li huwa kien responabbli wkoll ghat-tqassin ta' xoghol ta' dawk in-nies li kien in charge taghhom. B'kollox huwa dam erba' snin impjegat mal-Lufthansa Technik. Huwa spjega illi kif tizboh hija parti mill-procedura u cioe' jekk taghmel spray painting bil-*brush* jew bil-*roll*. Jiftakar li kienu baghtu ghalih go kamra minghajr ma kien inghata warning u zammewh responsabbli tax-xoghol li kien qed isir hazin, sahansitra kien gie wkoll mghajjar irresponsabbli meta zamm id-dritt li ma jkomplix jahdem u minkejja li kien irrapporta li x-xoghol kien qed isir hazin, u ghalhekk dak il-hin huwa ma rrispondihomx. Huwa sostna li qatt ma rcieva xi warning bil-miktub.

Ramon Caruana jiftakar li Nicholas Baldacchino tal-UHM kien ghamel laqgha mal-*painters* kollha u kien hareg bl-informazzjoni li min ried jitlaq seta' jitlaq minghajr ma jhallas il-*bond agreement*. Din il-laqgha kienet saret xi sitt xhur qabel ma kien spicca mix-xoghol il-konvenut. Huwa stqarr li jista' jaghti l-kaz li anke cempel lis-Sur Baldacchino sabiex jghidlu qabel ma' tefa' r-rizenja tieghu. Il-konvenut tenna li ma kien kellem lil hadd qabel ma tefa' r-rizenja tieghu pero' jaf li kellmuh huma appena ta r-rizenja sabiex ihallas il-penali. Naturalment huwa wegibhom li ried

jiehu parir legali. Il-konvenut cahad li talab sabiex jiehu x-xoghol lura meta sar jaf li kellu jithallas din il-penali. Pero' huwa minnu li pprova jirtira r-rizenja tieghu. Huwa stqarr li kien tefa' r-rizenja tieghu ghax kien hassu urtat bil-meeting li kellu meta bdew jallegaw li kien hu li kien irresponsabbli. Filfatt innota li huwa kien ta r-rizenja tieghu meta kien irrabjat. Mitstoqsi jekk kienx diga rcieva l-ittra biex ihallas l-ghaxart elef qabel ma talab biex jirtira r-rizenja tieghu, wiegeb li ma jiftakarx. Huwa stqarr illi waqaf mix-xoghol ghax hassu li l-problemi tax-xoghol kienu ser jaghmlulu hsara f'sahhtu. Darba minnhom jiftakar li pprova jikkuntatja l-HR pero' ma sabhomx fl-ufficju, pero' huwa dejjem ipprova jirranga l-problemi tieghu mal-management. Huwa ma tkellem ma' hadd rigward problemi ta' mard. Filfatt ippretenda li kien it-tabib tax-xoghol stess li kien ser iwassal din l-informazzjoni. Huwa kien ghamel sitt xhur qieghed qabel ma sab xoghol iehor. Jiftakar li s-sick leave tieghu kien qed jahlieh kollu u kien qed jibghat ghat-tabib. Ghalhekk ipretenda li t-tabib kien ser iwassal l-informazzjoni in konnessjoni ma' dan. Dan it-tabib kien wiehed tax-xoghol. It-tabib Robert Portelli li l-konvenut kien ipprezenta certifikat tieghu huwa filfatt it-tabib personali tal-konvenut mhux it-tabib tal-Lufthansa Technik.

**Maryrose Galea** xehdet fit-3 ta' Lulju 2013 in rapprezentanza tat-Tribunal Industrijali fejn ghamlet referenza ghad-dokumenti esebiti minnha dakinhar stess fil-kawza numru 263/12 CSH. Fix-xhieda taghha fil-kawza **Lufthansa Technik Malta Ltd vs Godfrey Debattista** (Rikors Numru 263/12 CSH) hija esebiet kopja tad-decizjoni li nghatat mit-Tribunal Industrijali fil-21 ta' Frar 2012, liema decizjoni giet immarkata bhala Dok CSH. Id-decizjoni mhix datata pero' esebiet il-verbal tas-seduta fejn inghatat id-decizjoni numru 2126. Dan il-verbal gie mmarkat bhala Dok CSH1. Mistoqsija jekk sarx Appell minn id-din id-decizjoni, wiegbet li ma sar l-ebda Appell.

**Nicholas Baldacchino** xehed fit-3 ta' Lulju 2013 fejn iddikjara li huwa kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju tat-Taqsima Manifattura, IT u Settur Privat fl-Unjoni Haddiema Maqghudin. Illum il-gurnata pero' huwa ma ghadux jahdem hemmhekk. Huwa spjega li huwa kien hadem mal-Union mis-sena 2003 sa Marzu 2013. Huwa kien Segretarju tat-Taqsima li tirraprezenta lill-haddiema kollha ta' Lufthansa Technik Malta Limited apparti frazzjoni zghira li taqa' taht l-inginiera. Mistoqsi jekk kellux xi laqghat ma' xi haddiema peress li kien hemm xewqa minn naha taghhom li xtaqu jitterminaw l-impjieg taghhom, qal li le ma kellux dwar dan.

Huwa spjega li huwa kien irrilaxxja affidavit fil-kawza rikors numru 265/2012 CSH fl-ismijiet Lufthansa Technik Malta Limited vs Saviour Buttigieg liema affidavit jinsab inserit f'dawk l-atti a fol 7 u huwa kkonferma il-kontenut tieghu. Dan l-affidavit huwa marbut ma' laqgha li kellu fil-kapacita tieghu bhala segretarju tat-taqsima flimkien mar-rapprezentanti tal-haddiema. Illum il-gurnata jaf li kienet saret il-laqgha pero' huwa ma jiftakarx ezattament fuq xiex kienet peress li kien ikollu diversi laqghat. Fil-fatt din il-laqgha kienet ilha li saret aktar minn erba' snin. F'din il-laqgha partikulari kien gie diskuss fuq il-*painter*s, u prezenti kien hemm ukoll dak iz-zmien ic-CEO, is-Sur Louis Giordmaina. Waqt din il-laqgha qalilhom li ma kienx kuntent bihom u qal li min xtaq jitlaq seta' jitlaq. Ix-xhud tenna li minn naha tal-impjegati jaf li kien hemm xi hadd li qal li kellhom rabta u dakinhar ic-CEO qalilhom li ma kinitx problema u min xtaq jitlaq seta' jitlaq. Sussugwentament jaf li kien hemm xi rapprezentant li talbu biex jaghmlu meeting mal-impjegati, ix-xhud mar, ma jafx jekk kienx dakinhar stess jew ftit jiem wara li saret il-laqgha. Huwa kien spjega dak li kien qal ic-CEO lill-impjegati u din il-kwistjoni kienet waqfet hemm ghax din ma followjawhiex huma. Huma la kitbu u lanqas ma ghamlu xi laqghat ohrajn. Huwa kkonferma ghal darba ohra li s-sur Giordimaina kien qalilhom li min ma kienx kuntent seta' jitlaq.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi rapprezentant iehor tal-Lufthansa Technik Malta Limited dakinhar apparti s-sur Giordimaina wiegeb li jekk mhux sejjer zball kien hemm prezenti John Borg Costanzi. Jista' jkun li kien hemm xi rapprezentant iehor tal-Lufthansa pero' ma jiftakarx min kien. Pero' ma kinitx haga normali li x-xhud jitkellem mas-CEO wahdu. Huwa spjega li s-soltu jekk ikun ser jitkellem fuq il-*painters* kien ikun hemm prezenti wkoll rapprezentant tal-*painters*. Huwa ma jistax jghid pero' x'kariga kellu s-sur Borg Costanzi dak iz-zmien. Pero' zgur li kien jokkupa xi kariga fit-*top management*. Mistoqsi jekk is-sur Borg Costanzi ghamilx xi reazzjoni ghall-kliem tas-sur Giordmaina, wiegeb li ma jistax iwiegeb din id-domanda ghax ilu wisq. Huwa nkludieh fl-affidavit ghax meta kien qed jiktbu ftakar li kien prezenti.

Ix-xhud stqarr illi huwa ma regghax dahal f'din il-kwistjoni pero' jiftakar li xi zmien wara kienu marru l-impjegati u staqsewh jekk kienx lest li jaghmel affidavit biex jghid dak li jiftakar u fil-fatt hekk ghamel. Huwa tenna li ma kellux kwistjonijiet ohrajn fuq dan il-mertu mal-kumpanija. Mistoqsi jekk jaghrafx lil Godfrey Debattista u Saviour Buttigieg li kienu presenti fl-Awla wiegeb li jgharafhom. Mistoqsi jekk kienux gew ikellmuh qabel ma tefghu l-ittra tar-rizenja taghhom ma jistax jghid ghax fil-fatt jiltaqa' ma' hafna niex . Pero' jekk mhux sejjer zball kienu huma li talbuh l-affidavit u hu kien lest li jaghmlu. Mistoqsi jekk hu kienx involut fil-kawza ta' quddiem it-Tribunal Industrijali, wiegeb li iva. Filfatt qal hu kien ghamlu u Debattista u Buttigieg kienu prezenti f'dawn il-proceduri . Is-Socjeta' Lufthansa qatt ma kkuntatjatu bhala union anke meta bdew dawn il-proceduri. Mistoqsi min kien ir-rapprezentant tal-haddiema dakinhar qal li kien certu Elton kif hemm indikat fl-affidavit tieghu stess. Dan huwa Elton John Agius.

In kontro-ezami meta gie mistoqsi jekk kienx ikun hemm agenda qabel ma ssir il-laqgha, wiegeb li iva dejjem ikun hemm, ghax il-laqghat kienu jsiru fuq suggett partikulari. Mistoqsi jekk din l-issue tal-*ispray painters* u cioe' jekk kellhomx jitilqu jew le kinitx fuq l-agenda qal li ma jafx ghaliex din kienet ilha li grat. L-agenda tigi ssetjata jew minghand il-kumpanija meta jkunu jridu jaghmlu xi tibdil radikali jew minn naha tal-Union meta huma jkunu gew *loggered* u jkun hemm bzonn ta' diskussjoni. F'dan il-kaz ma jistax jghid minn issetjaha. Fil-fatt huwa ddikjara li mal-Lufthansa huwa ghamel eluf ta' laqghat. Ix-xhud qal li kien Elton John Agius ir-rapprezentant li kien qallu li kellu jgharraf lill-impjegati l-ohrajn l-*ispray painters* b'dak li kien qal is-sur Giordimaina. Ghalkemm ighid li huma dak li jigi diskuss dejjem jghadduh lill-haddiema. Mistoqsi jekk izommux minuti tal-laqghat li jzommu ma' c-CEO qal li sakemm dam segretarju hu qatt ma zammew minuti ufficcjali. Ix-xhud ma hassx il-htiega li jerga' jaghmel laqgha ohra mas-sur Giordimaina sabiex jikkonferma dak li kien diga' diskuss qabel ma jkellem lill-haddiema. Effettivament dan l-affidavit huwa ghamlu s-sena li ghaddiet.

Rat l-affidavit ta' **Nicholas Baldacchino,** Segretarju tat-Taqsima Manifattura, I.T. u settur privat tal-Union Haddiema Maghqudin, liema affidavit gie pprezentat **fil-kawza Rikors Nru. 265/12 Lufthansa Technik Malta Limited vs Saviour Buttigieg (fol. 7)** permezz ta' risposta tal-konvenut Saviour Buttigieg datata 29 ta' Awwisu 2012, fejn iddikjara li dan l-affidavit jitratta l-kaz illi numru ta' ex-haddiema ta' Lufthansa Tehnik Malta ghandhom mal-istess kumpanija fejn il-Lufthansa Tehnik qed tghid illi ma tridx thallas is-somma ta' flus dovuta lill-ex-haddiema ghaliex huma kisru "bond agreement" minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali u dwar l-istess decizjoni l-kumpnnija imsemmija m'ghamlitx appell.

Spjega wkoll illi waqt laqgha ufficcjali illi kienet saret mac-Chief Executive Officer tal-Lufthansa illi dak iz-zmien kien is-Sur Louis Giordmaina fil-presenza ta' ufficcjali ohrajn tal-kumpanija fosthom John Borg Costanzi u wkoll fil-prezenza ta' membri tal-kumitat tal-haddiema tal-Union fosthom Ian Grech u Elton John Agius, fejn f'din il-laqgha l-istess C.E.O. qajjem il-punt dwar is-sezzjoni tal-"painters" fejn il-kumpanija stqarret illi kienet tal-fehma illi min minn dawn l-impjegati u cioe' l-painters ried jitlaq, setgha jaghmel dan minnufih. Meta mistoqsi mill-Union jekk il-fatt illi huma jitilqu kienetx ser tikkostitwixxi ksur tal-"bond agreement" l-istess C.E.O. ikkonferma illi l-kumpanija ma kienitx ser tfittex lil dawn il-haddiema dwar l-istess "bond agreement".

Zied li ftit wara din il-laqgha hawn fuq citata, huwa kien ghadda din l-informazzjoni lill-"painters" waqt laqgha illi huwa bhala segretarju imsemmi kellu mal-istess "painters".

**Nicholas Baldacchino prodott mill-UHM** xehed nhar l-14 ta' April 2014 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Lufthansa Technik (Malta) Limited vs Godfrey Debattista** (Rikors Numru 263/12 CSH) fejn b'referenza ghall-bond agreement li kellhom l-impjegati tal-Lufthansa Technik, spjega li l-UHM fil-fatt kienet involuta. Huwa stqarr illi sakemm huwa kien jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-UHM ma jafx li l-UHM qatt kienet involuta f'xi kwistjonijiet. Fil-fatt l-impjegati tal-Lufthansa Technik kienu dahlu membri tal-UHM wara li kienu ffirmaw il-ftehim taghhom. Huwa jaf li effettivament pero' kien hemm xi laqgha fuq xi agenda totalment differenti liema laqgha kienet bejn ic-CEO tal-Lufthansa, Louis Giordimaina, is-sur Borg Costanzi u minn naha tal-UHM kien hemm ix-xhud stess u rapprezentanti fosthom Ian Grech u Elton John Agius u xi nies ohrajn. Ix-xhud ma jiftakarx min aktar kien prezenti, u jaf li fost l-affarijiet ohra li kienu gew diskussi f'din il-laqgha

kienet tqajmet il-kwistjoni dwar is-sezzjoni tal-painters b'mod generali. Fil-fatt dak iz-zmien kien hemm glied bejn il-painters bejniethom u sahansitra anke kien hemm xi sospensjonijiet.

Ix-xhud jaf li kien hemm kwistjoni li l-kumpanija ma kienitx kuntenta bis-servizz taghhom u fil-fatt ic-CEO waqt din il-laqgha kien qal li huma kienu xebghu f'din is-sitwazzjoni, u din ma setghatx tkompli. Fil-fatt kien qal li jekk jitilqghu dawn l-impjegati ghalihom kien ikun ahjar ghaliex dejquhom. Huwa jaf li kien hemm rapprezentant tal-painters li dak il-hin dar fuqu u qallu li ghandhom bond agreement. Fil-fatt imbaghad huwa dar fuq ic-CEO u qallu, li dawn ghandhom bond agreement u huma marbutin, u fil-fatt hu qallu li dawn setghu jitilqu minnufih u ma kienu ser jaghmlu xejn dwar il-bond agreement. Ir-rapprezentant fil-fatt dar fuq ix-xhud, u qallu li kien importanti li jzomm laqgha mal-haddiema u jghidilhom b'din l-informazzjoni b'mod dirett, u jaf li din il-laqgha kienet inzammet ftit wara, fi ftit zmien. Huwa jaf li effettivament kien laqqa lill-haddiema u gharrafhom b'din id-decizjoni li kienet ittiehdet. Il-kwistjoni sa fejn jaf hu kienet waqfet hemm. Mistoqsi mill-Qorti jekk ircevewx xi korrespondenza mis-socjeta' attrici dwar dak li ntqal f'din il-laqgha wiegeb li le huma qatt ma rcevew xejn. Mistoqsi kemm effettivament kien ghadda zmien minn meta irrizenjaw il-haddiema ghal din il-laqgha wiegeb li ma jafx, peress li kien hemm aktar minn haddiem wiehed. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd li cempillu qabel ma rrezenja wiegeb li jista' jkun, pero' stqarr li biex jiftakar it-telefonati kollha li jsiru huwa impossibli.

In kontro-ezami x-xhud tenna li huwa jaf lil Saviour Buttigieg kif ukoll lil Godfrey Debattista. Mistoqsi jekk Saviour Buttigieg u Godfrey Debattista kelmuhx b'mod partikulari ghal din il-kwistjoni, wiegeb li jista' jaghti l-kaz, ghax kienu kellmuh il-

haddiema kollha. Huwa ma jistax jikkonferma jekk effettivament Saviour Buttigieg u Godfrey Debattista kienux cemplulu wara l-laqgha li zammew pero' kkonferma li jekk effettivament cemlplulu, huwa kien irrepeta dak kollu li qal qabel hawnhekk u cioe' dak li kien qal is-sur Giordimaina f'dik il-laqgha. Ix-xhud rega' ikkonferma ghal darb'ohra l-affidavit li kien irrilaxxa. Huwa sostna li dawn huma l-istess affarijiet li rrepeta diversi drabi. Il-kwistjoni dwar il-bond agreement tqajmet dakinhar, ghax kien qed isir diskors dwar ix-xoghol tal-painters. Huwa qal li l-laqgha dakinhar kienet fuq kwistjoni ta' authorisation levels li kienet tolqot lil haddiema kollha nkluz is-sezzjoni tal-painters. Meta gew biex jitkellmu dwar il-painters is-sur Giordimaina mill-ewwel qallilhom li ma kienx kuntent bil-painters. Kien il-haddiem li kien prezenti li qajjem il-kwistjoni tal-bond agreement. Ix-xhud ma jafx jekk kienx hemm xi painter iehor apparti Elton John Agius. Pero' jaf li kien hemm painters ohrajn u ghalhekk ezattament min qajjem din il-kwistjoni ma jafx, pero' jaf li kien painter zgur. Mistoqsi jekk huma kienux izommu minuti bhala UHM dak iz-zmien, wiegeb li le ma kienux u jekk kienu jinzammu mill-mangement, dawn qatt ma gew mibghuta lilu.

Mistoqsi ghaliex ix-xhud fl-affidavit tieghu ma semmiex li s-sur Giordimaina ma kienx kuntent bix-xoghol tal-painters, wiegeb li ma hemmx raguni specifika. Huwa sostna li kien gie mitlub sabiex jaghmel dikjarazzjoni biex jikkonferma effettivament dak li kien intqal f'din il-laqgha u ghalhekk huwa kiteb dak li deherlu li kien importanti ghal dak li gie mitlub. Mistoqsi minn kien talbu biex jaghmel dan l-affidavit wiegeb li kienu xi disgha jew ghaxar haddiema li talbuh jaghmel dan. Waqt il-laqgha li zamm ix-xhud kien hemm prezenti hafna mill-painters, huwa u rapprezentant tal-istess painters, Elton John Agius.

Rat l-affidavit ta’ **Godfrey Debattista** li gie pprezentat fit-3 ta’ Lulju 2013 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Lufthansa Technik (Malta Limited) vs Godfrey Debattista** (Rikors Numru 263/12 CSH) fejn iddikjara li huwa beda jahdem mas-socjeta’ attrici fis-6 ta’ April 2008 u kienu baghtuh il-Germanja ghal tahrig. Huwa spjega li fl-10 ta’ Marzu huwa kien iffirma bord agreement u ffirma kuntratt mal-kumpanija u kienu weghduh li jaghmluh painter mal-kumpanija izda gara li wara li lesta l-kors ghamluh trainee tradesman u mhux painter kif kienu weghduh.

Godfrey Debattista stqarr illi f’Ottubru 2010 kien ghamel operazzjoni ta’ dahru (slip disk) u ghamel xi erba’ xhur ma jmurx ghax-xoghol. Wara l-operazzjoni l-Professur kien ordnalu biex jibqa’ jistrieh ghal xi xahrejn ohra u mbaghad dahal ghax-xoghol. Pero’ huwa baqa’ jkun mugugh u skomdu tant li l-professur rega’ ghamillu xi x-rays u qallu li jekk ser jibqa’ jerfa’ u jahdem mghawweg ha jaghmel il-hsara.

Ghalhekk huwa staqsa lil Nicholas Baldacchino tal-Union Haddiema Maghqudin u fehmu b’kollox u qallu li m’ghandux problemi jekk jitlaq ghax tal-Lufthansa qalulu li min irid seta’ jitlaq minghajr ma jfittxuh ghas-somma u sahansitra Baldacchino ha gurament dwar dan li jinsab esebit fil-kawza. Debattista ghandu certifikat tal-professur li gie anness u mmarkat bhala Dok. X.

Huwa spjega li meta kellu assikurazzjoni mill-union taghhom li seta’ jitlaq, irrizenja u qabel mar ghand Claude Frendo biex jaghtih l-ittra ta’ rizenja rega’ staqsa lil Nicholas Baldacchino tal-UHM u rega’ assigurah li l-Lufthansa ma kinux ser jitolbuh is-somma.

Rigward l-affidavit ta’ Claude Frendo, Godfrey Debattista sostna li huwa kien trainee tradesman u mhux painter kif kienu weghduh. Meta tah l-ittra ta’ rizenja Claude Frendo ma qallu xejn dwar is-somma u filfatt ma sema’ xejn minghandhom hlief wara li rebhulhom il-kaz industrijali li kienu fethu kontra taghhom. Huwa spjega li kien meta baghtulhom biex ihallsuhom is-somma ta’ €6,734.07 li l-Lufthansa bdew jippretendu l-hlas tas-somma ta’ €10,000.

Huwa ghadu sal-lum li ma thallasx minghand il-Lufthansa Technik is-somma li t-Tribunal Industrijali ordna lil Lufthansa Technik biex thallsu. Huwa annetta kopja tas-sekwestru mal-affidavit immarkat bhala Dok. Y.

**Godfrey Debattista** xehed in kontro-ezami fid-29 ta’ Jannar 2014 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Lufthansa Technik (Malta) Limited vs Godfrey Debattista (**Rikors Numru 263/12 CSH) fejn gie muri dokument CF1 li hu esebit fl-atti a fol 13 (tar-Rik. Nru. 263/12) u qal li fuq dan id-dokument hemm il-firma tieghu. Huwa stqarr li effettivament kien dam hames xhur jaghmel it-tahrig il-Germanja ghalkemm kien hemm zmien li huwa nizel lura f’dawn il-hames xhur ghax is-socjeta’ attrici ma hallsitux fil-hin. Pero’ huwa qatt ma nghata certifikat tat-tahrig li ghamel il-Germanja. Huwa kien inghata kopja tac-certifikat li hu esebit a fol 14 ghalkemm kien imwieghed li kien ser jinghata licenzja u mhux certifikat. Godfrey Debattista kkonferma li kien gie nfurmat li kien ser jilhaq painter meta effettivament tawh il-grad ta’ trainee tradesman. Huwa ma jaqbilx li trainee tradesman u painter huma l-istess grad. Huwa kien qal lill-management dwar din l-ingustizzja li saret mieghu fosthom lil Mr Borg Costanzi u l-UHM kienu jafu dwar dan ukoll.

Godfrey Debattista kien dam impjegat mas-socjeta' attrici ghal madwar tliet snin u nofs. Pero' f'dan il-perjodu huwa kien ghamel operazzjoni f'dahru ghax kellu slip disk. Huwa sostna li kien prezenti ghal diversi laqghat fejn inghad li min ried jitlaq seta' jitlaq minn mal-Lufthansa u kien ikun hemm ukoll Germaniz jismu Bent Matil ghax kien ikun hemm problemi kbar fis-section tal-painters u kien jghidilhom li min iddejjaq seta' jitlaq. Mistoqsi x'kariga kellu dan il-Germaniz wiegeb li kien fil-management u cioe' kien fit-top head tal-workshops. Lilhom Nicholas Baldacchino qatt ma wrihom xi haga bil-miktub li setghu jitilqu pero' huma emmnuh peress li huwa kellu kariga gholja.

Godfrey Debattista kkonferma li kien ghadda l-ittra tar-rizenja tieghu lil Claude Frendo li huwa l-HR manager tal-Lufthansa. Huwa stqarr illi ma vverifikax dwar il-kwistjoni tal-bond agreement qabel ma kien ipprezenta l-ittra tar-rizenja tieghu. Huwa jiftakar li sitt xhur wara li kien telaq u meta rebhu l-kawza li kellhom jiehdu xi flejjes minghand Lufthansa Technik, kien ircieva ittra minghand Claude Frendo fejn ghamillu referenza ghall-bond agreement u dan kien xi sitt xhur wara li telaq. Il-konvenut ra l-ittra tar-rizenja tieghu li tinsab a fol 15 tal-atti tal-kawza 263/12 CSH, mmarkata Dok CF3 u qabel li d-data hija 12 ta' Gunju, 2011. Gie muri dokument a fol 16 tal-istess process mmarkat mill-Qorti bhala dokument CF4 u ma jaqbilx ma' din l-ittra ghax ma kienx irceviha. Huwa sostna li din l-ittra rceviha sitt xhur wara u cioe' wara li kienu rebhu kawza mit-Tribunal Industrijali fejn kienu ntitolati ghal xi flejjes.

In ri-ezami Godfrey Debattista tenna li fl-istess gurnata li huwa kien ta l-ittra tar-rizenja tieghu huwa kien tkellem ma' Nicholas Baldacchino fuq it-telefon kif ukoll wicc imb'wicc u kien staqsieh jekk kienx cert li setghu jitilqu. Debattista rega' staqsieh ukoll jekk kienux ser jehlu l-bond u hu qallu li setghu jitilqu minghajr ma

jehlu l-bond. L-affidavit ta’ Nicholas Baldacchino kien sar wara li Godfrey Debattista kien ta l-ittra tar-rizenja tieghu u wara li rcevew l-ittra biex ihallsu l-bond. Meta staqsa lil Baldacchino jekk kienx lest li jitla’ jiehu gurament dwar dak li kien qallu wiegbu li kien lest ghax kienet il-verita’. Mistoqsi meta saret il-laqgha mal-Germaniz meta kien qalilhom li setghu jitilqu wiegeb li effettivament kienet saret aktar minn laqgha wahda pero’ nesa’ d-dati. Iddikjara li dawn il-laqghat kienu jsiru regolarment fit-tlett snin li dam jahdem hemm.

Rat l-affidavit ta’ **Saviour Buttigieg** li gie pprezentat fit-3 ta’ Lulju 2013 fl-atti tal-kawza **Lufthansa Technik (Malta) Limited vs Saviour Buttigieg** (Rikors Numru 265/12 CSH). Huwa ddikjara li qed jikkontesta din il-kawza u li lis-socjeta’ attrici m’ghandux jaghtiha s-somma ta’ ghaxart elef ewro (€10,000). Saviour Buttigieg spjega li s-socjeta’ attrici bdiet dawn il-proceduri wara li fis-sena 2009 huwa u Elton Agius, Stephen Attard, Tyrone Camilleri, Ramon Caruana, Adam Cutajar, Godfrey Debattista, Rodney Farrugia, Josephine Fenech, Rosalie Muscat, Leonard Sacco, Syed Shafiq u Joseph Zarb hadu passi quddiem it-Tribunal Industrijali kontra l-Lufthansa Teknik ghax ma kinux qed jithallsu l-allowance kollha skont il-ftehim kollettiv. Il-proceduri bdew mill-Union Haddiema Maghqudin ghan-nom taghhom. Dan il-kaz gie deciz fil-21 ta’ Frar 2012 (kaz nru 2728/IIW Decizjoni numru 2126) u l-Lufthansa giet kundannata €6,734.07.

Saviour Buttigieg tenna li huwa kien ghal qalbu hafna jahdem izda f’April 2010 s-Sur Berndt Matell (Production Manager) u fil-presenza tas-Sur John Borg Costanzi kien dahhal lill-isprayers u cioe’ lilu, lil Adam Cutajar, Josephine Fenech u Ramon Caruana fl-ufficcju tieghu u wara hafna theddid u intimidazzjoni kien qalilhom li min irid jitlaq seta’ jaghmel dan bla ma jhallas il-Bond Agreement.

Huma bdew jaghmlu laqghat mas-segretarju tat-taqsima tal-UHM is-Sur Nicholas Baldacchino biex jitnehha l-Bond Agreement minn fuqhom.

Fis-sena 2010 kien dahal grupp iehor ta’ nies gejjin mid-drydocks u kienu qeghdin jigu mgieghla jiffirmaw ghax-xoghol li kienu qeghdin jaghmlu dawn in-nies tad-drydocks peress li dawn ma kellhomx l-*On Job Training 1 (OJT 1)* li tfisser li wiehed irid jaghmel sena *training on the job* taht supervizjoni.

Saviour Buttigieg spjega li f’Lulju 2010 kien gie maghzul ma’ persuna ohra biex jahdmu fuq progett maghruf bhala 50K izda wara bdew jigu trattati hazin hafna fejn anke gew sfurzati jahdmu izjed milli kienu koperti bl-Insurance u cioe’ tibda tahdem fis-sebgha ta’ filghodu (07:00hrs) u tispicca sahansitra wara nofs il-lejl (sbatax-il siegha) u l-ghada trid terga’ tidhol ghax-xoghol biex tipprepara l-ajruplan biex jigi sprejjat wara l-ghaxra ta’ bil-lejl.

Wara hafna laqghat bejn is-segretarju tat-taqsima s-Sur Nicholas Baldacchino fil-presenza ta’ shop steward is-Sur Elton John Agius mas-Sur Louis Giordimaina, CEO tal-kumpanija Lufthansa Technik Malta f’Marzu/April 2011, huma l-isprayers kellhom laqgha fejn gew infurmati mis-Sur Baldacchino li l-kumpanija iddecidiet li min irid jitlaq seta’ jaghmel dan minghajr ma jhallas l-€10,000 tal-Bond Agreement. Il-konvenut huwa cert minn dan u qal li anke Elton John Agius kien ikkonferma dak li qalilhom Nicholas Baldacchino.

Saviour Buttigieg spjega li fit-8 ta’ Gunju 2011 kien ipprezenta ittra ta’ rizenja lis-sur Claude Frendo li huwa Chief Officer Human Resources u dan kien qallu li kien hemm il-hlas dovut minnu tal-Bond Agreement izda l-konvenut infurmah li kellu

certezza mill-ufficjal tat-taqsima tal-UHM li l-Bond Agreement kien gie annullat bi ftehim mas-CEO.

Huwa ddikjara li talabhom kemm-il darba lil Lufthansa izda meta kitbilhom bl-avukat qalulu li m'huma ser jaghtuh xejn ghax kellu jaghtihom €10,000. Meta sar jaf b'dan kellem lil Nicholas Baldacchino u dan ghamillu affidavit fejn ikkonfermalu dak li kienu qalulu l-Lufthansa u cioe' li ma kienux ser jinsistu ghall-ghaxart elef ewro. Saviour Buttigieg ipprezenta l-korrispondenza kollha li saret bejnu u bejn l-avukat tal-Lufthansa Technik Dr Andrew Borg Cardona li huma: ittra tal-konvenut tad-19 ta' April 2012 fejn talabhom biex jonoraw is-sentenza tat-Tribunal, ir-risposta taghhom tad-9 ta' Mejju 2012, l-ittra tal-isprayers tad-19 ta' Gunju 2012 u risposta tas-socjeta' attrici tat-18 ta' Lulju 2012. Huwa spjega li l-ewwel darba li nfurmawh li ghandu jaghtihom l-€10,000 kien fl-ittra tad-9 ta' Mejju 2012. Saviour Buttigieg sostna li wara li rcieva dawn l-ittri huwa ghamel sekwestru biex ihallsuh (Sekwestru 2023/12) u qed jistenna li l-flus jigu zbankati.

Saviour Buttigieg stqarr illi gimgha qabel kiteb l-affidavit huwa tkellem ma' Charles Farrugia li huwa missier Rodney Farrugia (li ghandu kawza simili ghal dik tieghu u li qed tinstema' quddiem din l-istess Qorti) fejn qallu li waqt laqgha li kellu ma' Louis Giordimaina huwa kien assigurah li t-tifel tieghu seta' jitlaq minghajr ma jhallas il-bond agreement. Charles Farrugia kien mar jiltaqa' mieghu biex jilmenta dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol tat-tifel tieghu.

**Saviour Buttigieg** xehed in kontro-ezami fid-29 ta' Jannar, 2014 fl-atti tal-kawza **Lufthansa Technik (Malta) Limited vs Saviour Buttigieg** (Rikors Numru 265/12 CSH) fejn gie muri dokument CF1 esebit a fol 45 tal-atti tal-kawza Rik. Nru. 265/12 CSH u qal li hemm il-firma tieghu f'dan id-dokument. Saviour Buttigieg

jaqbel li wara li kienu ghamlu l-kawza quddiem it-Tribunal Industrijali dwar xi diskrepanzi li kien fl-allowance li huma kienu ntitolati ghalihom waqt li kienu l-Germanja, huwa kien ghadu mpjegat tas-socjeta' attrici. Huwa spjega li kien ha d-decizjoni sabiex jitlaq minn mas-socjeta' attrici wara certu affarijiet li kienu graw hemmhekk. Huwa ma kienx prezenti ghall-laqgha li saret bejn Nicholas Baldacchino u Louis Giordimaina, pero' kellu fiducja fir-rapprezentant taghhom fil-Union, Nicholas Baldacchino.

Saviour Buttigieg jiftakar li meta mar bl-ittra tar-rizenja tieghu ghand Claude Frendo, kien talbu meeting u filfatt kien iltaqa' mieghu u Frendo fakkru fil-bond agreement li kellu u dak il-hin qallu li kellu c-certezza minghand Nicholas Baldacchino dwar il-ftehim li kellu mas-CEO tal-Lufthansa u cioe' mas-Sur Louis Giordimaina li jekk jitilqu ma kienux obbligati li jhallsu l-penali u ghalhekk ghaddielu l-ittra u huwa accettaha. Saviour Buttigieg sostna li Claude Frendo ma kien qallu xejn dwar dan id-diskors u lanqas ma vverifika jekk hux minnu jew le dan id-diskors.

Saviour Buttigieg qal li kien ircieva ittra minghand is-socjeta' attrici sabiex ihallas din il-penali xi sena wara li kien diga' telaq u effettivament wara li kien diga pprezenta l-mandat ta' sekwestru. Huwa gie muri dokument CF4 a fol 48 datat 17 ta' Gunju, 2011 u ddikjara li qatt ma rcieva din l-ittra. Huwa kien ircieva ittra ohra fejn gie mitlub ihallas is-somma ta' ghaxart ewro (€10,000) dovuti lilhom skont il-bond agreement. Meta l-konvenut ipprezenta mandat ta' sekwestru, dan ghamlu ghax huma kienu rebhu somma flus mit-Tribunal Industrijali, izda s-socjeta' attrici baqghet ma hallsitux. Illum il-gurnata l-flejjes li kienu maqbuda permezz tas-sekwestru gew rilaxxati a favur tal-konvenut. Huwa jiftakar li l-laqgha in kwistjoni kienet saret bejn Marzu u April tas-sena 2011 u prezenti ghal

din il-laqgha kien hemm Elton John Agius, li huwa shop steward tal-Union, Nicholas Baldacchino, John Borg Costanzi u Louis Giordimaina. Meta spiccat il-laqgha jaf li nizlu jaghjtulhom u x'hin marru ghal-laqgha Nicholas Baldacchino qalilhom li min kellu l-bond agreement u ried jitlaq seta' jitlaq u ma jhallasx penali. Dan id-diskors gie kkonfermat minn Elton John Agius. Saviour Buttigieg jiftakar li wara din il-laqgha kien tkellem ukoll ma' missier Rodney li kien kollega tieghu fuq ix-xoghol, missieru certu Charles Farrugia u qallu li kellu laqgha privatament ma' Louis Giordimaina li kkonferma wkoll mieghu li ibnu seta' jitlaq kif telaq haddiehor bla ma jhallas il-penali. Saviour Buttigieg ra ittra esebita fl-atti a fol 70 tal-process u qal li din hija l-ewwel ittra li rcieva minghand is-socjeta' attrici. Fil-fatt id-data hija sena wara li kien telaq mix-xoghol.

Rat it-talba tal-avukat difensur tal-konvenut tas-seduta tat-30 ta' Settembru 2013 fejn talab li x-xhieda moghtija minn Charles Farrugia fil-kawza Rikors Numru 262/12 CSH Lufthansa Technik Malta Ltd vs Rodney Farrugia tigi nserita f'din il-kawza u l-Qorti laqghet it-talba.

**Charles Farrugia** xehed fit-30 ta' Settembru 2013 u ddikjara li huwa jigi missier Rodney Farrugia. Mistoqsi jekk jafx lil Louis Giordmaina wiegeb li jafu ghax kienu jahdmu flimkien l-Air Malta meta dak iz-zmien Giordmaina kien ghadu student fl-engineering department. Ix-xhud tenna li peress li huwa kien ihobb il-linja tal-*airline*, huwa baqa' jsegwi minkejja li kien telaq mix-xoghol u sussegwentemanet jaf li t-tifel tieghu Rodney kien dahal jahdem il-Lufthansa Technik. Huwa kien jaf li s-sur Louis Giordimaina kien jahdem bhala CEO tal-Lufthansa Technik. Ix-xhud jaf li t-tifel tieghu qed jilmenta li kienu qed igeghluh jaghmel certu affarijiet u mill-esperjenzi li kellu kien jaf li kienu qed jiksru xi ligijiet u kien jghidlu biex ma

jiffirmax certu dokumentazzjoni ghax bil-firma tieghu kien ser jerfa' xi responsabbilta'.

Sussegwentement ix-xhud kien tkellem mas-Sur Giordimaina u kien qallu fuq certu affarijiet li fil-fehma tieghu ma kienux legittimament qed isiru u qallu li jekk dawn l-affarijiet jibqghu ghaddejjin it-tifel tieghu kien ser ikun kostrett biex jitlaq. Dak il-hin is-Sur Giordimaina qallu li t-tifel tieghu seta' jitlaq meta jrid izda x-xhud wiegbu li ma setghax jitlaq hekk ghax kien marbut b'*agreement* fejn kellu miktub li kellu jhallas multa una volta jitlaq. Pero' s-Sur Giordimaina qallu biex ma jaghtix kaz il-ftehim li kellu, u li t-tifel seta' jitlaq x'hin ried hu. Ix-xhud ikkonferma li huwa tkellem b'mod specifiku mas-Sur Giordimaina fuq din il-kwistjoni tal-bond. Huwa wiegbu li t-tifel ma kellux ghalfejn ihabbel rasu rigwardanti l-bond li kellu. Mistoqsi jekk ix-xhud tkellimx ma' nies ohrajn dwar dan il-ftehim u dwar din il-laqgha li kellu, wiegeb li iva effettivament kien tkellem ma' certu Salvu Buttigieg. Din id-diskursata saret xi xahrejn qabel ma s-Sur Giordimaina spicca minn CEO tal-Lufthansa.

Ix-xhud gie mistoqsi in kontro-ezami fejn saret din il-laqgha mas-Sur Louis Giordimaina, fejn wiegeb li din il-laqgha saret fl-ufficcju tal-headquarters tal-Lufthansa Technik. Pero' ma tah xejn bil-miktub. Prezenti ghal din il-laqgha kienu x-xhud u s-Sur Giordimaina u kien hemm ukoll is-segretarja tieghu li qieghda barra. Effettivament Rodney Farrugia kien telaq mix-xoghol xi tliet xhur wara din il-laqgha.

Rat l-affidavit ta' **Rodney Farrugia** li gie pprezentat fit-13 ta' Novembru 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Lufthansa Technik (Malta) Ltd vs Rodney Farrugia** (Rikors Numru 262/12 CSH) fejn iddikjara li huwa kien gie impjegat mas-socjeta' attrici

fil-11 ta' Marzu 2008 bhala "*Aircraft spray painter*" skala "*Trainee Tradesman*". Din il-kumpanija kienet talbet lil Rodney Farrugia sabiex jiffirma kuntratt maghha li kien ikopri "bond agreement", peress li kien se jintbaghat barra minn Malta ghal xi tahrig. Ftit wara Rodney Farrugia flimkien ma' ohrajn kienu ntbaghtu Hamburg, gewwa l-Germanja ghal tahrig fejn dam bejn is-6 ta' April 2008 u l-31 ta' Awwissu 2008.

Rodney Farrugia iddikjara li kien hemm "*collective agreement*" bejn il-kumpanija Lufthansa u l-UHM (Union Haddiema Maghquda) li s-segretarju tat-taqsima taghha kien Nicholas Baldacchino. F'dak iz-zmien li ghamel barra minn Malta huwa beda jithallas bhala salarju u "*allowance"* hafna anqas milli kien miftiehem mal-union skont il-collective agreement f'punt 6.8. Huwa suppost kellu jithallas €81.90 kuljum, filwaqt li kienu jhallsuh €250 fil-gimgha. Huwa tenna li fis-sena 2009 il-UHM bdiet proceduri kontra l-Lufthansa biex tissalvagwardja l-interessi tal-haddiema skont il-ftehim kollettiv iffirmat bejn l-union u l-kumpanija Lufthansa.

Rodney Farrugia iddikjara li matul iz-zmien li ghamel jahdem mal-Lufthansa huwa dejjem ghamel xoghlu skont is-sengha u l-*maintenance manual* ta' kull ajruplan. Huwa kellu hafna battibekki fuq ix-xoghol mas-sur Bernt Matell (Production/Hanger Manager) fil-presenza tas-Sur Borg Costanzi fejn dan anke kien hedded lil Rodney Farrugia quddiem shabu ohra li jekk ried jitlaq seta' jitlaq x'hin ried minghajr ma jhallas xejn mill-bond agreement.

Wara li s-sur Matell spicca minn mal-kumpanija, floku lahaq is-Sur Borg Costanzi li baqa' miexi fuq l-istess strategiji ta' qablu. Dan kien jghajjarhom u jheddidhom li jekk ma jahdmux l-overtime kien ikun kostrett ikeccihom anke jekk skont kif

imnizzel fil-ftehim kollettiv huma riedu jkunu avzati tnax-il siegha qabel l-overtime. Apparti l-overtime li huwa jkun hadem u l-gurnata normali tax-xoghol irid ikun hemm *rest period* ta' tnax-il siegha bil-ligi minhabba *fatigue*.

Mas-sur Borg Costanzi kien mar wkoll is-sur John Darmanin mid-Dockyard ta' Malta li beda jikkordina x-xoghol tal-painters hu. Rodney Farrugia sostna li l-akbar problema li kien jaffaccja kienet meta s-sur Darmanin kien iqabbdu jidhol responsabbli billi jiffirma ghal xoghol li kien isir minn xi haddiema ohra li huwa jaf li ma kellhomx training u lanqas esperjenza fix-xoghol ta' spray fuq l-ajruplani kif jitlob il-FAA minhabba s-sigurta' ghall-ajruplan u l-passiggieri u skont il-ftehim kollettiv 04.1 biex ma jsemmix ukoll li safejn jaf hu s-sur Darmanin innifsu lanqas kien kwalifikat biex jaghmel xi xoghol tal-ispray fuq l-ajruplani.

Rodney Farrugia semma xi affarijiet li huwa kien jaf li kienu qed isiru mill-haddiema kontra kif titlob is-sengha tal-ispray fuq l-ajruplani, bhat-tahlit tal-materjal tal-ispray u anke kif kienu juzawh. Huwa stqarr illi xi mekkaniks kienu juzaw xi *solvit spray* u WD 40 li jaghmlu hsara tremenda lill-ispray. Huwa kien qal b'dan lis-sur Anthony Griffiths, il-kuntrattur li kien imqabbad mil-Lufthansa bhala koordinatur u lis-sur Darmanin. Rodney Farrugia semma xi affarijiet ohra fl-affidavit li jhossu qed jigi mqarraq bihom. Filfatt semma li meta gie minn Hamburg, huwa suppost kellu jinghata lis-skala ta' "Painter One" u paga skont dak il-grad pero' dan qatt ma sehh.

Huwa tenna li minn Awissu 2010 sa Mejju 2011 huwa ghamel xoghol ta' bil-lejl biex apparti x-xoghol li kien ikollu biex jaghmel, kien ikun irid jikkordina x-xoghol lil xi tlieta jew erba' haddiema ohra li ma kellhom l-ebda esperjenza jew kwalifiki biex jahdmu fuq l-ajruplani. B'dan huwa kien jigi mgieghel jerfa' r-responsabilita'

kollha taghhom hu. Huwa sostna li dan kien ifisser li huwa responsabbli ghal sitt snin ghal li jista' jinqala'.

Skont il-ftehim kollettiv paragrafu 13, peress li kien ghamel aktar minn disa' xhur jaghmel xoghol ta' shift inkarigat minn nies u mix-xoghol tal-ispray, huwa kien eligibbli ghal promozzjoni ta' Team Leader. Dan qatt ma sehh allavolja kien hemm vaganza ghal dan il-post u li nghatat lil haddiehor minfloku.

Rodney Farrugia iddikjara li huwa kien ikun imgieghel jixkatla u jisprejja meta l-magna u t-tank tal-fuel tal-ajruplan kienu jkunu miftuhin. Huwa stqarr li ftit li xejn kien jitkellem ma' missieru fuq il-problemi li semma fl-affidavit pero' hass li kellu jinfurmah peress li huwa bniedem mizzewweg u ghandu familja u missieru kien jahdem mal-Air Malta fis-sezzjoni tal-engineering. Missieru kien jaf lis-Sur Louis Giordimaina (li kien is-CEO tal-Lufthansa) meta dan kien ghadu *trainee engineer* u kien sejjer ikellmu billi jinfurmah b'dak kollu li qallu ibnu. Xi jumejn wara missier Rodney Farrugia cempel lil Giordimaina u kellhom laqgha dakinhar stess fl-ufficju tieghu gewwa l-Lufthansa Technik fis-sitta ta' filghaxija. Missieru kkonfermalu lill- Rodney Farrugia li fil-laqgha hu kien gharraf lil Louis Giordimaina b'dak kollu li qallu u li Giordimaina kien qallu li ghalkemm kellu jiccekja Rodney Farrugia seta' x'hin u meta ried jitlaq mal-kumpanija attrici minghajr ma jhallas xejn u cioe' minghajr ma jhallas il-bond agreement.

Fl-affidavit tieghu Rodney Farrugia spjega li s-Sur Nicholas Baldacchino li hu *shop steward* tal-UHM kien qalilhom lill-isprayers li huwa kellu laqgha mas-sur Louis Giordimaina f'Marzu/April 2011 li l-kumpanija kienet iddecidiet li min ried jitlaq minn mal-kumpanija seta' jaghmel dan minghajr ma jhallas l-ghaxart elef ewro tal-Bond Agreement.

Meta l-Union kienet fethet kawza quddiem it-Tribunal Industrijali kontra s-socjeta’ attrici ghax ma kinitx qed thallas l-allowance skond il-ftehim kollettiv, il-kaz kien gie deciz (kaz nru 2728/IIW Decizjoni 2126) li l-Lufthansa giet kundannata thallas id-differenza fil-hlas tal-allowance li baqghu ma thallsux u fil-kaz Rodney Farrugia kienet tammonta ghal €6,781. Huwa ddikjara li ghadu ma thallasx.

Rodney Farrugia iddikjara li ghall-ewwel huwa kien kuntent hafna li beda jahdem mal-Lufthansa izda meta beda jara li hafna mir-regolamenti u d-drittijiet tieghu kienu qed jigu miksura u dak li kien imwieghed ma kienx qed isehh, huwa kontra qalbu kellu jaghti r-*resignation* tieghu kif fil-fatt ghamel fit-28 ta’ Dicembru, 2011. Huwa sostna li ma jarax li ghandu xi obligazzjoni lejn is-socjeta’ attrici, altru hi obbligata lejh skont kif semma fl-affidavit tieghu stess.

**Rodney Farrugia** xehed in kontro-ezami fid-29 ta’ Jannar, 2014 fil-kawza fl-ismijiet **Lufthansa Technik (Malta) Ltd vs Rodney Farrugia** (Rikors Numru 262/12 CSH fejn gie muri dokument CF1 a fol 17 tal-atti tal-kawza Rik. Nru. 262/12 CSH u qal li fuq dan id-dokument li huwa l-*bond agreement* hemm il-firma tieghu. Huwa tenna li l-proceduri li nfethu quddiem it-Tribunal Industrijali kienet tikkoncerna biss ghall-allowance li huma kienu gew intitolati ghalihom meta kienu qeghdin jaghmlu t-training taghhom gewwa l-Germanja. Meta huwa gie lura beda jahdem bhala trainee tradesman mas-socjeta’ attrici. Huwa dam jahdem mas-socjeta’ attrici sat-28 ta’ Dicembru, 2011. Is-Sur Darmanin kien jigi fuqhom bhala kariga. Is-Sur Borg Costanzi dak iz-zmien kien f’hanger iehor. Fil-fatt is-Sur Borg Costanzi kien jigi fuq is-Sur Darmanin bhala kariga. Rodney Farrugia jiftakar li effettivament kien jigi mistoqsi sabiex jiffirma x-xoghol ta’

haddiehor. Mistoqsi jekk effettivament kienx jiffirma, wiegeb li iva effettivament hekk kellu jaghmel jiffirma u fil-fatt sahansitra kien anke tkellem mal-UHM dwar din il-problema.

Waqt dik il-laqgha kien hemm ic-CEO is-Sur Giordimaina u Nicholas Baldacchino ghan-nom tal-UHM u kien hemm ukoll Elton John Agius. Nicholas Baldacchino kien qalilhom li f'din il-laqgha kienu ftehmu u qallu li s-CEO kien qal li min jitlaq mix-xoghol ma hemmx ghalfejn ihallas il-penali. Ix-xhud jiftakar li missieru, Charles Farrugia qallu li kellu laqgha mas-Sur Giordimaina u dan ikkonfermalu li seta' jitlaq meta jrid bla ma jhallas il-bail bond. Meta Rodney Farrugia fl-affidavit tieghu qal li c-CEO qal li ried jiccekja, dan ried jiccekja fuq l-allegazjoni li ghamillu Rodney Farrugia cioe' li kien qed jiffirma ghax-xoghol ta' haddiehor u mhux dwar il-kwistjoni tal-bond. Dwar il-bond jaf li s-Sur Giordimaina kien ta l-kelma lil missieru li seta' jitlaq bla hlas taghha. Mistoqsi kemm dam biex telaq wara din il-laqgha, wiegeb li ma jiftakarx. Qabel ma pprezenta r-rizenja tieghu huwa ma tkellem ma' hadd minn tal-Human Resources peress li kellu l-kelma tal-Union u l-kelma tas-CEO, din ghalih kienet bizzejjed. Huwa jiftakar li kien ta kopja tar-rizenja tieghu lis-Sur Borg Costanzi u kopja lil Human Resources, pero' ma kienx lil Claude Frendo. Jiftakar li meta kien gie biex jitlaq pero' kienu qalulu li kien ser ikollu jhallas il-bail bond, pero' qatt ma rcieva ittra d-dar tieghu biex ihallas din il-bond. Meta qalulu li kellu jhallas il-bond, Rodney Farrugia kien qalilhom li c-CEO qal li ma kienx hemm ghalfejn. Huwa ma regax tkellem mas-CEO wara dan.

**Joseph Saliba** xehed fil-5 ta' Dicembru 2013 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Lufthansa Technik (Malta) Limited vs Godfrey Debattista (**Rikors Numru 263/12 CSH) fejn iddikjara li qed jixhed ghan-nom u in raprezentanza tad-direttur tal-Employment and Training Corporation. Huwa gie mitlub sabiex jesebixxi Employment History

Sheet ta' Saviour Buttigieg u ta' Godfrey Debattista. Illum ix-xhud jinsab f'pozizzjoni li jaghmel propju dak li gie mitlub minnu u esebixxa l-employment history sheet ta' Saviour Buttigieg li giet immarkata bhala dokument SB waqt li dik ta' Godfrey Debattista giet immarkata bhala dokument GD.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-14 ta' April 2014 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha fuq il-provi mismugha.

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta' attrici qed issostni li l-konvenut ghandu jhallas l-bond li intrabat li jhallas fil-bond agreement iffirmat minnu esebit fl-atti a fol. 12 immarkat bhala Dok CF1 u dan ghaliex l-konvenut qabad u ttermina l-impjieg tieghu hesrem u cioe' qabel il-hames snin li kien marbut bihom. Il-konvenut minn naha tieghu jghid li verament huwa telaq mix-xoghol fi zmien il-hames snin ta' wara l-probation tieghu pero' jghid li s-socjeta' attici hija responsabbli ghal dan minhabba dak maghruf bhala inadempiment kuntrattwali min-naħa taghha u in oltre dan ghamlu ghaliex kien kostrett li jaghmlu minhabba ragunijiet ta' sahha u ghalhekk appuntu dan hu kaz ta' *constructive dismissal* u in fine jghid li bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ammont mhux kollu dovut u ghandu jigi ridott ghaliex in effetti huwa hadem ghal diversi snin u ghalhekk semmai il-penali ghandha tigi ridotta proporzjonalment.

Bhala fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u cioe' li l-konvenut beda jahdem mas-socjeta' attrici uiffirma bond agreement nhar l-10 ta' Marzu 2008 (Dok CF1 a fol. 12) fejn intrabat li jhallas is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) una

volta huwa jittermina l-impjieg tieghu qabel il-perjodu ta’ hames (5) snin minn meta jispicca l-perijodu tal-probation tieghu. Jirrizulta u mhux kontestat lanqas li l-konvenut kien intaghzel mis-socjeta’ attrici sabiex jaghmel kors ta’ ‘painter’ gewwa Hamburg l-Germanja u kien telaq ghal xi tahrig fis-7 ta’ April 2008 u rritorna lura Malta fid-29 ta’ Awwissu 2008 wara li kien ikkompleta il-kors tieghu (vide Dok CF 2 a fol. 13). Jirrizulta wkoll bhala fatt mhux kontestat li l-konvenut telaq mix-xoghol minn mas-socjeta’ attrici fit-23 ta’ Marzu 2012 (Dok CF3 fol. 14). Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici intvolat il-kawza odjerna sabiex tithallas il-bond ta’ ghaxart elef ewro li l-konvenut kien intrabat li jhallas una volta jikser xi kundizzjoni ta’ dan l-istess ftehim Dok CF1. Is-socjeta’ attrici issostni li l-ftehim Dok CF1 huwa ftehim li jorbot il-partijiet u stqarret li l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa’ dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta’ tal-kontraent kif espressa fil-konvenzjoni li ghandha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda. Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tara jekk l-konvenut kienx gustifikat li jittermina l-impjieg tieghu waqt li kien ghadu marbut bil-ftehim Dok CF1.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ l-allegazzjonijiet taż-żewġ partijiet dwar ksur tal-kuntratt;

Illi f’każ fejn iż-żewġ partijiet f’kuntratt jixlu lil xulxin b’nuqqas ta’ twettiq, il-ġudikant ikun irid jagħmel valutazzjoni li tqabbel l-imġiba tal-parti l-waħda ma’ dik tal-parti l-oħra. Dan jagħmlu billi jqis kemm l-element kronoloġiku, kemm dak tal-proporzjonalita’ u kif ukoll il-korrispettivita’ tal-prestazzjonijiet mhux imwettqin, ħalli jkun f’qagħda jgħid jekk dak in-nuqqas jagħtix raġun lil xi parti

jew kienx il-ħtija tal-parti l-oħra. Minbarra dan, il-ġudikant irid iqis kemm l-obbligazzjoni ewlenija li taħtha ntrabtu l-partijiet, u kif ukoll dawk sekondarji li l-partijiet ikunu tawhom siwi essenzjali għall-ftehim milħuq bejniethom (vide App. Inf. PS 10.10.2005 fil-kawża fl-ismijiet '**AX Construction Ltd. vs Tony Mallia Bonello**').

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat (**Art. 1125 tal-Kap 16**). Dan minbarra l-effett "primarju" li jista' jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew kuntratt li jkun;

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma tagħmilhiex jew ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni - **Art. 1127 tal-Kap 16**). Kreditur ta' obbligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel (vide P.A. 13.12.1952 fil-kawża fl-ismijiet **Galea vs Calleja** Kollez. Vol: **XXXVI.ii.578**) jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas (vide Kumm**. 13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet **Petroni vs Petroni noe** Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**);

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas (vide

P.A. MCC 9.4.1968 fil-kawża fl-ismijiet '**<u>Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et'</u>** mhix pubblikata);

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja (**Art. 1132(1) tal-Kap 16**). Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni (**Art. 1133 tal-Kap 16**). Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri (**Art.1134 tal-Kap 16);**

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef (**Art. 1135 tal-Kap 16**), sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni (**Art. 1137 tal-Kap 16**).

Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni (**Art. 1136 tal-Kap 16**).

Illi huwa mogħti lil parti f'kuntratt li tilqa' bid-difiża tal-inadempiment għat-talba tal-ħlas magħmula mill-parti l-oħra, li hija magħrufa bħala l-*exceptio non rite*

*adempleti contractus*. Din l-eċċezzjoni tista' titqajjem f'kull kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku u hija maħsuba li twaqqa l-azzjoni avversarja mibdija minn min huwa nnifsu ma kienx wettaq dak li ntrabat għalih fl-istess kuntratt (vide App. Kumm. 12.3.1965 fil-kawża fl-ismijiet **Aquilina Utrinque** (Kollez. Vol: **XLIX.i.518**). Fejn eċċezzjoni bħal din tirriżulta mistħoqqa, l-parti mħarrka tikseb l-għarfien ġudizzjarju (b'seħħ lura minn dak inhar li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti tagħha) li hija tista' tissospendi l-eżekuzzjoni tar-rabtiet tagħha sakemm il-parti l-oħra attriċi tibqa' inadempjenti (vide App. Inf. PS 15.1.2010 fil-kawża fl-ismijiet '**Siġġiewi Basketball Club vs Michele Peresso Ltd**').

Illi, madankollu, huwa mgħallem u aċċettat ukoll li biex dan jista' jsir, jrid jintwera li min jirreżisti l-ħlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi ħaġa li kellu jagħmel taħt l-istess kuntratt. Kemm hu hekk, il-prinċipju li *inademplenti non est ademplendum*, jinbena fuq il-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt ma jistax iwaqqa' l-istess kuntratt fuq il-kawżali tal-inadempiment tal-parti l-oħra (vide App. Ċiv. 3.6.1938 fil-kawża fl-ismijiet **Muscat vs Attard et** (Kollez. Vol: **XXX.i.155**). Minbarra dan, biex dik l-eċċezzjoni tista' tintlaqa' jeħtieġ jintwera li (a) l-inadempiment tal-parti attriċi trid tikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim; (b) li dak il-ksur trid tkun tassew taħti għalih il-parti attriċi; u (ċ) hemm proporzjonalita' bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet, jiġifieri li dak in-nuqqas allegat fil-parti attriċi jkun ta' ċerta toqol meta mqabbel man-nuqqas tar-rabta tal-parti mħarrka (Ara App. Ċiv. 29.10.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Nażżareno Vassallo et noe et vs Dr. Michael Caruana et noe);**

Illi biex wieħed jara sewwa x'inhi l-qagħda bejn iż-żewġ partijiet f'din il-kawża irid iħares lejn il-kundizzjonijiet tal-ftehim li sar bejniethom.

F’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Civili Prim’Awla tad-9 ta' Ottubru, 2003, Citazzjoni Numru. 1348/2000/TM fil-kawza fl-ismijiet ‘**Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe’** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*“Il-principju pacta sunt servanda huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista’ twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat.”*

Ara wkoll ‘**Beacon vs Spiteri Staines’**, App 05/10/1998; ‘**Grace Spiteri et vs Carmel sive Lino Camilleri et’**, PA 30/05/2002; ‘**Paul Camilleri et vs Joseph Glanville et’**, PA 28/04/2003); ‘**Mary Pace vs C. Fino & Sons Ltd’**, App Inf 17/02/2003; ‘**Tigne vs Borg’**, App Inf 04/10/2011.

Huwa principju ta’ dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut ta’ l-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat (ara ‘**Clive Simpson vs John Saliba nomine et’**, PA 22/06/2004 u ‘**Frendo vs Caruana’**, App Civ 28/01/1999).

Fejn il-kitba hi cara, dak li kien miftiehem ghandu johrog mill-istess kitba u mhux minn dak li seta’ kellhom f’mohhom il-partijiet (ara **Brincat vs Saliba**, App Civ 14/11/1983). Il-kunsens, veru li ghandu jkun espressjoni tal-volonta’ ta’ dak li ta l-kunsens, pero’, meta l-kunsens jinghata forma solenni ta’ att pubbliku, hu prezunt li l-manifestazzjoni tal-kunsens tirrifletti l-volonta’ interna tal-kuntraent.

Issa fil-kaz in ezami l-konvenut kien intrabat li jhallas is-somma ta’ ghaxart elef ewro (€10,000) lis-socjeta’ attrici una volta huwa jiddeciedi li jittermina l-kuntratt ta’ impjieg tieghu mas-socjeta’ attrici fi zmien qabel il-hames snin li kienu sussegwenti ghall-perjodu tal-probation tieghu. Jirrizulta mill-atti li bhala fatt, u dan skond l-ittra tar-rizenja tal-istess konvenut esebita fl-atti a fol. 14 Dok CF3, li huwa ttermina l-impjieg tieghu b’mod unilaterali nhar it-23 ta’ Marzu 2012 meta kien effettivament beda l-impjieg tieghu skond il-bond agreement nhar l-10 ta’ Marzu 2008 u ghalhekk entro l-perjodu ta’ hames snin li kien intrabat bihom.

Illi l-konvenut qed jghid li huwa kien gustifikat li jitlaq mill-impjieg tieghu qabel iz-zmien skond l-ewwel eccezzjoni tieghu ghaliex is-socjeta’ attrici naqset mill-obbligi kontrattwali taghha fil-konfront tieghu meta ma hallsitux l-allowance li kien intitolat ghalihom, liema allowance jirrizulta kienet tammonta ghas-somma ta’ sitt elef, sebgha mija u erbgha u tletin ewro u seba’ centezmi (€6,734.07) skond is-sentenza res judicata moghtija mit-Tribunal Industrijali fejn il-konvenut kien gie dikjarat kreditur tas-socjeta’ attrici f’dan l-istess ammont.

Jinghad bla tlaqliq minn din il-Qorti pero’ li fl-ittra tar-rizenja li kien baghat l-konvenut lis-socjeta’ attrici huwa ma semma xejn dwar ir-raguni li waslitu sabiex jittermina l-impjieg tieghu ghalkemm meta xehed il-Qorti stqarr li kien qed isofri minn stress minhabba x-xoghol li kien qed jaghmel u minhabba il-fatt li kien qed jigi trattat hazin tant li kien jidhol jaghmel overtime il-hin kollu u minkejja li kellu jigi avzat almenu tnax-il siegha qabel meta kien rikjest minnu li jaghmel dan l-overtime, is-socjeta’ attrici qatt ma gharrfitu minn qabel. Jghid li fil-fatt it-tabib tal-kumpanija kien imur jarah ta’ sikwit u jaghmillu certifikati medici sabiex jiskuzah mill-attendenza tieghu ghax-xoghol pero’ dan nonostante la xehed it-

tabib u lanqas ma gew prodotti xi certifikati medici tat-tabib tal-kumpanija attrici u ghalhekk il-konvenut zgur li ma rnexxilux jissodisfa lill-Qorti sal-grad rikjest mill-ligi dwar din il-lanjanza tieghu. Illi minkejja li l-kreditu tal-konvenit illum huwa wiehed cert u dovut stante sentenza ezekuttiva, xorta s-socjeta' attrici naqset li thalsu dak dovut lilu u ddepozitat il-Qorti l-istess somma sabiex tezenta ruhha minn kwalsiasi responsabilita' u f'kaz li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut bhala debitur taghha, hija jkollha gja somma minn dak pretiz minnha depozitat il-Qorti.

Illi huwa fatt maghruf li bniedem ma jahdimx ghal xejn u jahdem sabiex jaqla' l-ghixien tieghu. Illi mhux indubitat li l-ammont dovut lill-konvenut fid-dawl ta' dak li kien jaqla hija somma sostanzjali u minhabba f'hekk huwa jghid li kien imgieghel jitlaq mix-xoghol. Fil-fatt fir-raba' eccezzjoni tieghu jghid li huwa ma telaqx mix-xoghol minn sniedu izda sofra dak li jissejjah '*constructive dismissal*'.

Il-ligi Maltija ma taghtix definizzjoni ta' *constructive dismissal,* izda wiehed jista' jirreferi ghal-ligi Ingliza li fuqha hija bbazata l-ligi Maltija li tirregola l-impjieg.

Employment Rights Act 1996 (**section 95(1) (c)** tiddifinixxi constructive dismissal bhala dik is-sitwazzjoni fejn "*The employee terminates the contract under which he is employed (with or without notice) in circumstances in which he is entitled to terminate it without notice by reason of the employer's conduct*."[1]

M'huwiex facli li wiehed jipprova *constructive dismissal* u dan peress li l-impjegat jitlaq hu minn fuq il-post tax-xoghol, u ma jigix formalment imkecci mill-post tax-

1 <http://en.wikipedia.org/wiki/Constructive_dismissal> – fejn ukoll tindika ezempji ta' ragunijiet fejn il-Qrati Inglizi laqghu t-talba ta' constructive dismissal

xoghol b'mod inekwivoku mill-principal, izda a kawza ta' agir negattiv u dispreggattiv tal-istess principal.

Ikun hemm lok ta' *constructive dismissal* meta l-impjegat, ikun imgieghel jirrizenja mix-xoghol tieghu minhabba cirkostanzi ta' natura negattiva fuq il-lant tax-xoghol jew/u jkun hemm xi ksur fundamentali tal-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' impjieg. Per ezempju, meta l-impjegat ikun talab l-assistenza ta' haddiema ohra, izda minkejja l-htiega ta' dan, it-talba ma tkunx giet accettata, b'hekk ikun hemm rizultat ta' stress qawwi fuq l-impjegat peress li ma jkunx qieghed ilahhaq ma' xogholu u jkollu jiddedika hafna aktar hin milli suppost ghax-xoghol tieghu u anke ma jiehux il-leave li huwa ghandu dritt ghalih. Ezempju iehor huwa meta persuna taghmel xoghol li jkun jeccedi bi kbir il-*job description* tal-pozizzjoni taghha, u taghmel dan ghall-istess paga, jew l-impjegat jigi mghajjar mill-klijenti jew kollegi, u l-principal ma jaghmel xejn biex jara kif jista' jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xoghol.

Irid jigi ppruvat li hemm ksur fundamentali tal-kuntratt ta' impjieg, b'kundizzjonijiet li jgieghlu lill-impjegat jitlaq u jirrizenja mill-post tax-xoghol tieghu.

In fatti, *the duty to maintain trust and confidence means that an employer must not, by his conduct, destroy or seriously damage the relationship of mutual trust and confidence between the parties.*[2] Dan jinkludi wkoll l-fatt li l-principal ma jiehux bis-serjeta' xi lmenti da parti tal-impjegati tieghu.

2 Bracebridge Engineering Limited vs Darby [1990] IRLR 3

Wiehed jista' jiccita wkoll il-kawza fl-ismijiet '**Morrow vs Safeway Stores**' *[2002] IRLR 9* fejn l-Employment Appeal Tribunal Ingliz qalet li: *"if there has been conduct by the employer likely to destroy or seriously damage the trust and confidence relationship this will mean, inevitably, that there has been a fundamental breach going to the root of the contract and entitling the employee to resign and claim constructive dismissal. No distinction can be made between degrees of seriousness of the breach of this implied term."*

Fil-kaz – '**Miriam Reid ID Card Number 383757(M) vs Kestrel Services Limited *C12983'***– Tribunal Industrijali, irrizulta illi kien hemm lok ta' constructive dismissal, peress li kien jidher b'mod car li l-attrici infurmat lill-principal taghha bil-kundizzjonijiet tax-xoghol, li ma kienu xejn tajbin u li l-attrici kellha tahdem fihom. L-attrici kienet hadet dawk il-mizuri kollha possibli ghaliha biex taghti l-opportunita' lill-principal taghha jameljora l-kundizzjonijiet, u dan billi infurmatu verbalment, kif ukoll permezz ta' diversi emailsipprezentati fil-kawza, izda l-principal qatt ma ha dawk il-passi rikjesti u ghalhekk l-attrici kienet imgieghla titlaq bl-agir tal-principal taghha.

Ghalhekk it-tliet elementi li jridu jigu ppruvati in rigward constructive dismissal huma: (1) li kien hemm ksur car, kemm jekk espress kif ukoll implicitu, da parti tal-principal tal-kuntratt ta' impjieg; (2) il-ksur kien ta' natura  serja li tiggustifika r-rizenja tal-impjegat mix-xoghol tieghu, u fil-fatt l-impjegat irrezenja minhabba dan l-agir; u (3) l-impjegat ma accettax dan il-ksur, fis-sens li rrizenja mix-xoghol hafna zmien wara li sehh l-agir.[3]

Issa bhala fatt ghalhekk jirrizulta li verament is-socjeta' attrici ma onoratx l-obbligi taghha sabiex thallas lill-konvenut l-allowance li kien intitolat ghalihom

3 <http://www.timeshighereducation.co.uk/406970.article.>

skond il-kuntratt ta' impjieg tieghu u dan ghaliex it-talba tieghu maghmula tramite t-Trade Union UHM giet milqugha mit-Tribunal Industrijali nhar il-21 ta' Frar 2012 u gie kanonizzat kreditur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitt elef, sebgha mija u erbgha u tletin ewro u seba' centezmi (€6,734.07).

Jidher ukoll skond ix-xhieda moghtija minn Nicholas Baldacchino li kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju tal-Union Haddiema Maghqudin li huwa kien attenda laqgha flimkien mas-CEO tas-socjeta' attrici fejn prezenti kien hemm ukoll xi haddiema ohra 'painters', u s-CEO s-Sur Louis Giordmaina kien stqarr li l-haddiema 'painters' setghu jitilqu mix-xoghol ghax kien xeba' jisma' bil-problemi dwarhom u dan minghajr ma jhallsu l-bond imsemmi fl-agreement taghhom. Ghalhekk jghid is-sur Baldacchino li huwa kien zamm inkontru mal-haddiema l-painters u kien infurmhom dwar dak li kien qal is-sur Giordmaina fil-kapacita' tieghu ta' CEO tas-socjeta' attrici. M'hemmx dubbju li dak li jghid CEO jorbot lil dik l-istess socjeta' u dan ghaliex dak li ntqal, intqal minn top management ta' dik l-istess socjeta'. L-avukat difensur tas-socjeta' attrici staqsiet jekk is-sur Baldacchino kellux xi haga bil-miktub mis-sur Giordmaina u dan wiegeb fin-negattiv. Il-Qorti pero' ma thossx li ghandha tiddubita dak li stqarr bil-gurament is-Sur Baldacchino u dan ghaliex is-sur Giordmaina qatt ma ngieb sabiex jikkontradixxi jew icahhad dak li ntqal mis-sur Baldacchino. In oltre jidher li s-Sur Giordmaina kien qal dan l-istess diskors lil Charles Farrugia, missier Rodney Farrugia haddiem iehor tas-socjeta' attrici. Il-konvenut ressaq ukoll xi haddiema ohra li wkoll qalu li s-sur Baldacchino kien qalilhom dan id-diskors li setghu jitilqu mill-impjieg taghom bla ma jhallsu l-bond taghhom.

Huwa veru li s-Sur Borg Costanzi cahad li effettivament intqal dan id-diskors mis-Sur Giordmaina ghaliex huwa kien prezenti ghal din il-laqgha pero' din il-Qorti thoss li l-ahjar prova kienet tkun li kieku s-socjeta' attrici resqet lis-Sur

Giordmaina ghaliex wara kollox gie rapportat li dan id-diskors intqal mis-Sur Giordmaina.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti thoss li l-konvenut kien gustifikat li jittermina l-impjieg tieghu u dan ghaliex fl-ewwel lok kienet is-socjeta’ attici li ma zammitx mal-obbligi taghha kuntrattwali u dan peress li naqset li thallas l-allowance dovuta lilu u fit-tieni lok, din il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut m’ghandux ihallas l-penali mitluba in vista ta’ dak li stqarr is-Sur Nicholas Baldacchino, is-Segretarju tal-Union Haddiema Maghqudin, li qallu li s-socjeta’ attrici ma kinitx ser tinsisti fuq il-hlas tal-penali.

**Ghalhekk, din il-Qorti filwaqt li tilqa’ l-ewwel u r-raba’ eccezzjoni tal-konvenut, qieghda tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tieghu u qieghda tichad it-talba attrici.**

**Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ attrici.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------